

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 222

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

11 ta' Ġunju 2021

Werrej

### I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

#### RAKKOMANDEZZJONIJIET

##### **Il-Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku**

2021/C 222/01	Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-30 ta' April 2021 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (BERS/2021/3) .....	1
2021/C 222/02	Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-24 ta' Marzu 2021 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (BERS/2021/2) .....	13

### IV *Informazzjoni*

#### INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### **il-Kunsill**

2021/C 222/03	Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna .....	22
---------------	---	----

##### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 222/04	Rata tal-kambju tal-euro — L-10 ta' Ġunju 2021 .....	23
---------------	--	----

MT

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 222/05	Avviżdwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri kompensatorji .....	24
---------------	--	----

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 222/06	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10289 — PSP/Aviva/10 Station Road) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	25
2021/C 222/07	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10312 — Astorg Asset Management/Solina) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	27

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 222/08	Pubblikazzjoni tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott emendata wara l-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 .....	28
2021/C 222/09	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel .....	31

---

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RAKKOMANDEZZJONIJIET

## IL-BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

## RISKJU SISTEMIKU

tat-30 ta' April 2021

li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-riċiproċità volontarja tagħhom

(BERS/2021/3)

(2021/C 222/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 458(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 134(5) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Anness IX tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġu żgurati miżuri ta' politika makroprudenzjali nazzjonali effettivi u konsistenti, huwa importanti li tiġi kkumplementata r-riċiproċità obbligatorja meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni b'riċiproċità volontarja.

<sup>(1)</sup> ĠUL 331, 15.12.2010, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUL 176, 27.6.2013, p.1.

<sup>(3)</sup> ĠUL 176, 27.6.2013, p.338.

<sup>(4)</sup> ĠUC 58, 24.2.2011, p. 4.

<sup>(5)</sup> ĠUL 1, 3.1.1994, p. 3.

- (2) Il-qafas dwar reċiproċità volontarja għal miżuri tal-politika makroprudenzjali stipulati fir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(9)</sup> għandu l-għan li jiżgura li l-miżuri kollha tal-politika makroprudenzjali bbażati fuq skopertura attivati fi Stat Membru <sup>(7)</sup> wieħed ikunu rreċiprokati fl-Istati Membri l-oħrajn.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 79/2019 tad-29 ta' Marzu 2019 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2019/2133] <sup>(8)</sup> inkorporat id-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Ftehim ŻEE) b'effett mill-1 ta' Jannar 2020. Id-Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(9)</sup> u r-Regolament (UE) 2020/873 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(10)</sup> li jintroduċu emendi sinifikanti għad-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 għadhom ma ġewx inkorporati fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Finansdepartementet (il-Ministeru tal-Finanzi Norveġiż) jaġixxi bħala awtorità nnominata għall-fini kemm tal-Artikolu 133(1) tad-Direttiva 2013/36/UE kif ukoll tal-Artikolu 458(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, peress li dik id-Direttiva u dak ir-Regolament, rispettivament, applikaw għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020 skont it-termini tal-Ftehim ŻEE (minn hawn 'il quddiem is-"CRD kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020" u s-"CRR kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020", rispettivament). Fil-5 ta' Novembru 2020, Finansdepartementet innotifika lill-BERS, skont l-Artikolu 133(11) tas-CRD kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020, bl-intenzjoni tiegħu li jistabbilixxi rata tar-riżerva tar-riskju sistemiku applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-limiti minimi tal-piż tar-riskju medji applikabbli għal skoperturi ta' proprjetà immobbli residenzjali u kummerċjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw l-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (IRB).
- (5) Fl-4 ta' Diċembru 2020, il-BERS adotta r-Rakkomandazzjoni BERS/2020/14 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(11)</sup> li fiha rrakkomanda li r-rata tar-riżerva tar-riskju sistemiku proposta li għandha tiġi applikata fin-Norveġja għandha titqies ġustifikata, xierqa, proporzjonata, effettiva u effiċjenti fir-rigward tar-riskju mmirat mill-Finansdepartementet. Skont l-Artikolu 458(10) tas-CRR kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020, minkejja l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 458(4) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jżidu l-piżijiet tar-riskju lil hinn minn daww previsti f'dak ir-Regolament.
- (6) Mill-31 ta' Diċembru 2020, l-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fin-Norveġja huma soġġetti għal (i) rekwiżit ta' riżerva tar-riskju sistemiku għal skoperturi fin-Norveġja applikat b'rata ta' 4.5 %, skont l-Artikolu 133 tas-CRD kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020; (ii) limitu minimu tal-piż tar-riskju medju ta' 20% għal skoperturi ta' proprjetà immobbli residenzjali fin-Norveġja, skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tas-CRR kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020; u (iii) limitu minimu tal-piż tar-riskju medju ta' 35% għal skoperturi ta' proprjetà immobbli kummerċjali fin-Norveġja, skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tas-CRR kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020. Madankollu, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jużawx l-approċċ IRB avanzat, ir-rata tar-riżerva tar-riskju sistemiku applikabbli għall-iskoperturi kollha hija stabbilita għal 3% sal-31 ta' Diċembru 2022; minn hemm 'il quddiem, ir-rata tar-riżerva tar-riskju sistemiku applikabbli għall-iskoperturi domestiċi hija stabbilita għal 4.5%.
- (7) Fit-2 ta' Frar 2021, il-Finansdepartementet issottometta lill-BERS talba għar-reċiprokazzjoni tar-rata tar-riżerva tar-riskju sistemiku, skont l-Artikolu 134(4) tas-CRD kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020, u għal-limiti minimi tal-piż tar-riskju medji, skont l-Artikolu 458(8) tas-CRR kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020.

<sup>(9)</sup> Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 97, 12.3.2016, p. 9).

<sup>(7)</sup> Il-punt (a) tal-paragrafu 14 u l-punt (a) tal-paragrafu 14a. tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jistipula li t-termini "Stat(i) Membru/i" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinkludu, minbarra t-tifsira tagħhom fid-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Istati ta-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

<sup>(8)</sup> ĠU L 321, 12.12.2019, p. 170.

<sup>(9)</sup> Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' entitajiet eżentati, kumpaniji azzjonarji finanzjarji, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, ir-rimunerazzjoni, miżuri u setgħat superviżorji u miżuri ta' konservazzjoni kapitali (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 253).

<sup>(10)</sup> Regolament (UE) 2020/873 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 fir-rigward ta' ċerti aġġustamenti b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 204, 26.6.2020, p. 4).

<sup>(11)</sup> Rakkomandazzjoni BERS/2020/14 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar in-notifika Norveġiża tal-intenzjoni tiegħu li jistabbilixxi rata ta' riżerva għal riskju sistemiku skont l-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE, disponibbli fuq is-sit web tal-BERS.



- (8) Wara t-talba mill-Finansdepartementet lill-BERS u sabiex: (i) jiġi evitat li jseħħu effetti transkonfinali negattivi fil-forma ta' tixrid u arbitraġġ regolatorju li jistgħu jiġu kkawżati mill-implimentazzjoni tal-miżura tal-politika makroprudenzjali applikata fin-Norveġja; u (ii) jinżammu kundizzjonijiet ugwali fost il-mutwanti tal-UE, il-Bord Ġenerali tal-BERS iddeċieda li jinkludi dawn il-miżuri fil-lista ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali li huma rrakkomandati li jiġu reċiprokati taħt ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2.
- (9) Minħabba li l-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fin-Norveġja għadhom mhumiex soġġetti għad-Direttiva (UE) 2019/878, l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri, li diġà implimentaw dik id-Direttiva, għandhom ikunu jistgħu jirreċiprokaw ir-rata Norveġiża tar-riżerva tar-riskju sistemiku b'mod u fl-livell li jqis kwalunkwe trikkib jew differenza fir-rekwiżiti kapitali applikabbli fl-Istat Membru tagħhom u fin-Norveġja, sakemm id-Direttiva (UE) 2019/878 tkun ġiet inkorporata wkoll fil-Ftehim ŻEE.
- (10) Fid-dawl tal-effetti kontinwi tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur bankarju u d-daqs tar-rata tar-riżerva tar-riskju sistemiku, huwa xieraq li jitħalla biżżejjed żmien għar-reċiprokazzjoni tal-miżuri notifikati.
- (11) Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

#### EMENDI

Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 hija emendata kif ġej:

1. Fit-Taqsim 1, is-subrakkomandazzjoni C(1) hija ssostitwita b'dan li ġej:

- "1. L-awtoritajiet rilevanti huma rrakkomandati li jirreċiprokaw il-miżuri tal-politika makroprudenzjali adottati minn awtoritajiet rilevanti oħrajn u rrakkomandati għal reċiprokazzjoni mill-BERS. Huwa rrakkomandat li l-miżuri li ġejjin, kif deskritt aktar fl-Anness, jiġu rreċiprokati:

Il-Belġju:

- żieda ta' piż tar-riskju għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur assigurati minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju, applikata skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 lil istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fil-Belġju bl-użu tal-Approċċ IRB għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-kapital regolatorju u magħmul minn:
  - (a) żieda fissa ta' piż tar-riskju ta' 5 punti perċentwali; u
  - (b) suppliment għall-piż tar-riskju proporzjonat li jikkonsisti minn 33 fil-mija tal-medja ponderata skont l-iskopertura tal-piż tar-riskju applikat għall-portafoll ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju;

Franza:

- issikkar tal-limitu ta' skopertura kbira pprovdut fl-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, applikabbli għall-iskoperturi għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar b'dejn kbir li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza għal 5 fil-mija tal-kapital eliġibbli, applikat skont l-Artikolu 458(2)(d)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal istituzzjonijiet sistemikament importanti globali (G-SIIs) u istituzzjonijiet sistemikament importanti oħrajn (O-SIIs) fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħhom.;

Il-Lussemburgu:

- limiti legalment vinkolanti bejn is-self u l-valur (LTV) għal self ipotekarju ġdid fuq proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Lussemburgu, b'limiti LTV differenti applikabbli għal kategoriji differenti ta' dawk li jissellfu:
  - (a) limitu LTV ta' 100% għal dawk li jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom;
  - (b) limitu LTV ta' 90% għal xerrejja oħra, jiġifieri dawk li ma jkunux qed jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom. Dan il-limitu huwa implimentat b'mod proporzjonali permezz ta' allokkazzjoni tal-portafoll. Speċifikament, is-selliefa jistgħu jgħorġu 15% tal-portafoll ta' self ipotekarju ġdid mogħti lil dawn il-mutwatarji b'LTV ogħla minn 90% iżda inqas mil-LTV massimu ta' 100%;
  - (c) limitu LTV ta' 80% għal self ipotekarju ieħor (inkluż is-segment tax-xiri għall-kiri).

## In-Norveġja:

- rata ta' 4.5% tar-riżerva tar-riskju sistemiku għal skoperturi fin-Norveġja, applikata f'konformità mal-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE, kif applikata għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020 skont it-termini tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (\*) (il-Ftehim ŻEE) (minn hawn 'il quddiem is-"CRD kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020"), għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fin-Norveġja;
- limitu minimu tal-piż tar-riskju medju ta' 20% għal skoperturi ta' proprjetà immobbli residenzjali fin-Norveġja, applikat skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikat għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020 skont it-termini tal-Ftehim ŻEE (minn hawn 'il quddiem is-"CRR kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020"), għal istituzzjonijiet ta' kreditu, awtorizzati fin-Norveġja, li jużaw l-approċċ ibbażat fuq il-klassifikazzjoni interna (IRB) għall-kalkolu tar-reqwiziti kapitali regolatorji;
- limitu minimu tal-piż tar-riskju medju ta' 35 % għal skoperturi ta' proprjetà immobbli kummerċjali fin-Norveġja, applikat skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tas-CRR kif applikabbli għal u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020 għal istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fin-Norveġja, bl-użu tal-approċċ IRB għall-kalkolu tar-reqwiziti kapitali regolatorji.

## L-Iżvezja:

- perċentwal minimu speċifiku għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' 25 fil-mija għall-medja peżata għall-iskopertura tal-piżijiet tar-riskju applikati għall-portafoll ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur lil debituri li jirrisjedu fl-Iżvezja ggarantiti minn proprjetà immobbli skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Iżvezja li jużaw l-Approċċ IRB għall-kalkolu tar-reqwiziti ta' kapital regolatorju.

---

(\*) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.;

2. L-Anness huwa ssostitwit bl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-30 ta' April 2021.

*Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS,  
F'isem il-Bord Ġenerali tal-BERS  
Francesco MAZZAFERRO*

ANNEX

"ANNEX

## Il-Belġju

**Suppliment għall-piż tar-riskju għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantit minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju, impost fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fil-Belġju, li jużaw l-Approċċ IRB u applikat b'konformità mal-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Is-suppliment huwa magħmul minn żewġ komponenti:**

- (a) **żieda fissa ta' piż tar-riskju ta' 5 punti perċentwali; u**
- (b) **suppliment għall-piż tar-riskju proporzjonat li jikkonsisti minn 33 fil-mija tal-medja ponderata skont l-iskopertura tal-piż tar-riskju applikat għall-portafoll ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju;**

### I. Deskrizzjoni tal-miżura

1. Il-miżura Belġjana, applikata skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u imposta fuq istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fil-Belġju li jużaw l-Approċċ IRB, tikkonsisti f'suppliment għall-piż tar-riskju għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju, li huwa magħmul minn żewġ komponenti:
  - (a) L-ewwel komponent jikkonsisti f'żieda ta' 5 punti perċentwali għall-piż tar-riskju għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju miksuba wara l-komputazzjoni tat-tieni parti tas-suppliment għall-piż tar-riskju skont il-punt (b).
  - (b) It-tieni komponent jikkonsisti f'żieda fil-piż tar-riskju ta' 33 fil-mija tal-medja peżata tal-iskopertura tal-piżijiet tar-riskju applikati għall-portafoll ta' skoperturi b fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju. Il-medja ponderata skont l-iskopertura hija l-medja tal-piżijiet tar-riskju tas-self individwali kkalkulata skont l-Artikolu 154 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ippeżata mill-valur tal-iskopertura rilevanti.

### II. Reċiprokazzjoni

2. Skont l-Artikolu 458(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jirreċiprokaw il-miżura Belġjana billi japplikawha għal friegħi li jinsabu fil-Belġju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati domestikament bl-użu tal-Approċċ IRB fiż-żmien speċifikat fis-subrakkomandazzjoni C(3).
3. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jirreċiprokaw il-miżura Belġjana billi japplikawha għal istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati domestikament bl-użu tal-Approċċ IRB li għandu skoperturi fil-livell tal-konsumatur diretti assigurati minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju. Skont is-subrakkomandazzjoni C(2), huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw l-istess miżura bħal dik li ġiet implimentata fil-Belġju mill-awtorità attivanti fl-iskadenza speċifikata fis-subrakkomandazzjoni C(3).
4. Jekk l-istess miżura ta' politika makroprudenzjali ma hijiex disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw, wara konsultazzjoni mal-BERS, miżura ta' politika makroprudenzjali disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom li jkollha l-aktar effett ekwivalenti għar-reċiprokazzjoni msemmija hawn fuq, inkluż l-adozzjoni ta' miżuri u setgħat superviżorji stipulati fit-Titolu VII, Kapitolu 2, Taqsima IV tad-Direttiva 2013/36/UE. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jadottaw il-miżura ekwivalenti sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### III. Livell limitu ta' materjalità

5. Il-miżura hija kkumplementata minn livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni ta' EUR 2 biljun biex jiġġwida l-applikazzjoni potenzjali tal-prinċipju *de minimis* mill-awtoritajiet rilevanti li jirreċiprokaw il-miżura.
6. B'mod konformi mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu jeżentaw individwalment lil istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati domestikament bl-użu tal-Approċċ IRB li jkollhom skoperturi non-materjali fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn unitajiet domestiċi fil-Belġju li huma taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' EUR 2 biljun. Meta japplikaw il-livell limitu tal-materjalità, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rrakkomandat li japplikaw il-miżura Belġjana għal istituzzjonijiet ta' kreditu individwali awtorizzati domestikament li qabel kienu eżentati meta jeċċedu l-livell limitu ta' materjalità ta' EUR 2 biljun.

7. Fejn m'hemm l-ebda istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fl-Istati Membri kkonċernati ma' friegħi li jinsabu fil-Belġju jew li għandhom skoperturi diretti fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali fil-Belġju, li jużaw l-Approċċ IRB u li għandhom skoperturi ta' EUR 2 biljun jew iktar lis-suq tal-proprjetà immobbli residenzjali Belġjan, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu, skont it-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, jiddeċiedu li ma jirreċiprokawx il-miżura Belġjana. F'dan il-każ, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rakkommandat li jirreċiprokaw il-miżura Belġjana meta istituzzjoni ta' kreditu li tuża l-Approċċ IRB teċċedi l-livell limitu ta' EUR 2 biljun.
8. F'konformità mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, il-livell limitu ta' materjalità ta' EUR 2 biljun huwa l-massimu rakkommandat tal-livell limitu. L-awtoritajiet rilevanti reċiprokanti jistgħu għalhekk jistabbilixxu livell limitu aktar baxx minflok japplikaw il-livell limitu rakkommandat għall-ġurisdizzjonijiet tagħhom fejn xieraq, jew jirreċiprokaw il-miżura mingħajr ebda livell limitu ta' materjalità.

## Franza

**Tnaqqis tal-limitu ta' skopertura kbira pprovdut fl-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, applikabbli għall-iskoperturi għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar b'dejn kbir li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza għal 5 fil-mija tal-kapital eliġibbli, applikat skont l-Artikolu 458(2)(d)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal istituzzjonijiet sistemikament importanti globali (G-SIIs) u istituzzjonijiet sistemikament importanti oħrajn (O-SIIs) fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħhom.**

### I. Deskrizzjoni tal-miżura

1. Il-miżura Franċiża, applikata skont l-Artikolu 458(2)(d)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u imposta fuq il-G-SIIs u l-O-SIIs fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħhom (mhux flivell subkonsolidat), tikkonsisti fi tnaqqis tal-limitu ta' skopertura kbira għal 5 fil-mija tal-kapital eliġibbli tagħhom, applikabbli għal skoperturi għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar b'dejn kbir li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza.
2. Korporazzjoni mhux finanzjarja hija definita bħala persuna fiżika jew ġuridika taħt id-dritt privat li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Franza, u li, fil-livell tagħha u fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni, tappartjeni għas-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji kif iddefinit fil-punt 2.45 tal-Anness A għar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*).
3. Il-miżura tapplika għal skoperturi għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza u għal skoperturi għal grupp ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji konnessi kif ġej:
  - (a) Għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li huma parti minn grupp ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji konnessi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi Franza, il-miżura tapplika għat-total tal-iskoperturi netti lejn il-grupp u l-entitajiet konnessi kollha tiegħu fit-tifsira tal-punt (39) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
  - (b) Għall-korporazzjonijiet mhux finanzjarji li huma parti minn grupp ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji konnessi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni barra Franza, il-miżura tapplika għat-total ta':
    - (i) l-iskoperturi għal dawk il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza;
    - (ii) l-iskoperturi għall-entitajiet fi Franza jew barra mill-pajjiż li fuqhom il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji msemmija f'(i) għandhom kontroll dirett jew indirett skont it-tifsira tal-punt (39) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u
    - (iii) l-iskoperturi għall-entitajiet fi Franza jew barra mill-pajjiż li huma ekonomikament dipendenti fuq il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji msemmija f'(i) skont it-tifsira tal-punt (39) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Għaldaqstant, korporazzjonijiet mhux finanzjarji li m'għandhomx l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza u li mhumiex sussidjarji jew entitajiet ekonomikament dipendenti fuq, u li mhumiex ikkontrollati direttament jew indirettament minn, korporazzjoni mhux finanzjarja li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Franza, ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura.

Skont l-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-miżura hija applikabbli wara li jiġi kkunsidrat l-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu u tal-eżenzjonijiet skont l-Artikoli 399 sa 403 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

4. G-SII jew O-SII għandha tikkunsidra korporazzjoni mhux finanzjarja li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Franza bħala kbira jekk l-iskopertura oriġinali tagħha għall-korporazzjoni mhux finanzjarja, jew għall-grupp ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji konnessi fit-tifsira tal-paragrafu 3, hija ta' EUR 300 miljun jew aktar. Il-valur tal-iskopertura oriġinali huwa kkalkulat skont l-Artikoli 389 u 390 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 qabel tikkunsidra l-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu u tal-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikoli 399 sa 403 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif irrappurtat skont l-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 (\*\*).
5. Korporazzjoni mhux finanzjarja titqies li għandha dejn kbir jekk ikollha proporzjon ta' ingranaġġ li jkun akbar minn 100 fil-mija u proporzjon ta' kopertura tal-imposti finanzjarji taħt tlieta, ikkalkulati fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-grupp kif ġej:
  - (a) Il-proporzjon ta' ingranaġġ huwa l-proporzjon bejn id-dejn totali nett mill-kontanti u l-ekwità; u
  - (b) Il-proporzjon ta' kopertura tal-imposti finanzjarji huwa l-proporzjon bejn, minn naħa, il-valur miżjud flimkien mas-sussidji operattivi wara li jitnaqqsu: (i) is-salarji; (ii) it-taxxi u d-dazji operattivi; (iii) l-ispejjeż operattivi ordinarji netti oħrajn eskluż l-imgħax nett u imposti simili; u (iv) id-deprezzament u l-amortizzazzjoni, u, min-naħa l-oħra, l-imgħax u imposti simili.

Il-proporzjonijiet huma kkalkulati abbażi ta' aggregati tal-kontabilità ddefiniti skont l-istandards applikabbli, kif ippreżentati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-korporazzjoni mhux finanzjarja, iċċertifikati fejn xieraq minn accountant bil-liċenzja.

## II. Reċiprokazzjoni

6. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jirreċiprokaw il-miżura Franċiża billi japplikawha għall-G-SIIs u l-O-SIIs awtorizzati domestikament fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fil-ġurisdizzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħhom.
7. Jekk l-istess miżura ta' politika makroprudenzjali mhijiex disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom, f'konformità mas-subrakkomandazzjoni C(2), huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw, wara konsultazzjoni mal-BERS, miżura ta' politika makroprudenzjali disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom li għandha l-aktar effett ekwivalenti għall-miżura msemmija hawn fuq rakkomandata għar-reċiprokazzjoni. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jadottaw il-miżura ekwivalenti mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## III. Livell limitu ta' materjalità

8. Il-miżura hija kkomplementata minn livell limitu ta' materjalità kombinat sabiex jiggwida l-applikazzjoni potenzjali tal-prinċipju *de minimis* mill-awtoritajiet rilevanti li jirreċiprokaw il-miżura, li hija komposta minn:
  - (a) Livell limitu ta' EUR 2 biljun għall-iskoperturi oriġinali totali ta' G-SIIs u O-SIIs awtorizzati domestikament fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju għas-settur Franċiż ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji;
  - (b) Livell limitu ta' EUR 300 miljun applikabbli għal G-SIIs u O-SIIs awtorizzati domestikament li huwa ugwali għal jew jaqbeż il-livell limitu msemmi f'(a) għal:
    - (i) skopertura oriġinali waħda għal korporazzjoni mhux finanzjarja li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Franza;
    - (ii) it-total ta' skoperturi oriġinali għal grupp ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji konnessi, li għandu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi Franza, ikkalkulat skont il-paragrafu 3(a);
    - (iii) it-total tal-iskoperturi oriġinali għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza li huma parti minn grupp ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji konnessi li għandu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni barra Franza kif irrappurtat fil-mudelli C 28.00 u C 29.00 tal-Anness VIII għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014;
  - (c) Livell limitu ta' 5 fil-mija tal-kapital eliġibbli tal-G-SII jew tal-O-SII fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni, għal skoperturi identifikati f'(b) wara li jiġi kkunsidrat l-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu u l-eżenzjonijiet skont l-Artikoli 399 sa 403 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Il-livelli limiti msemmija fil-paragrafi (b) u (c) għandhom ikunu applikati irrispettivament minn jekk l-entità rilevanti jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja għandhiex dejn kbir jew le.

Il-valur tal-iskopertura oriġinali msemmi fil-paragrafi (a) u (b) għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikoli 389 u 390 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 qabel jitqies l-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu u l-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikoli 399 sa 403 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif irrappurtat skont l-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

9. B'mod konformi mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jeżentaw lill-G-SIIs jew l-O-SIIs awtorizzati domestikament fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju li ma jiksrux il-livell limitu ta' materjalità kkombinat imsemmi fil-paragrafu 8. Meta japplikaw il-livell limitu ta' materjalità, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi ta' G-SIIs u O-SIIs awtorizzati domestikament għas-settur Franċiż tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji kif ukoll il-konċentrazzjoni ta' skopertura ta' G-SIIs u O-SIIs awtorizzati domestikament għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza, u huwa rrakkomandat li japplikaw il-miżura Franċiża għal G-SIIs jew O-SIIs awtorizzati domestikament eżentati qabel fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħhom meta l-livell limitu ta' materjalità kkombinat imsemmi fil-paragrafu 8 jinkiser. L-awtoritajiet rilevanti huma mħeġġa wkoll jissenjalaw ir-riskji sistemiċi assoċjati mal-ingranaġġ miżjud ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza lil parteċipanti tas-suq oħrajn fil-ġurisdizzjoni tagħhom.
10. Fejn ma jkunx hemm G-SIIs jew O-SIIs fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħhom awtorizzati fl-Istati Membri kkonċernati u li għandhom skoperturi għas-settur Franċiż tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji ogħla mil-livell limitu ta' materjalità msemmi fil-paragrafu 8, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu, skont it-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, jiddeċiedu li ma jirreċiprokawx il-miżura Franċiża. F'dan il-każ l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskopertura ta' G-SIIs u O-SIIs awtorizzati domestikament għas-settur Franċiż ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji kif ukoll il-konċentrazzjoni tal-iskopertura ta' G-SIIs u O-SIIs awtorizzati domestikament għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza, u huwa rrakkomandat li jirreċiprokaw il-miżura Franċiża meta G-SII jew O-SII fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħha teċċedi l-livell limitu ta' materjalità kkombinat imsemmi fil-paragrafu 8. L-awtoritajiet rilevanti huma mħeġġa wkoll jissenjalaw ir-riskji sistemiċi assoċjati mal-ingranaġġ miżjud ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza lil parteċipanti tas-suq oħrajn fil-ġurisdizzjoni tagħhom.
11. F'konformità mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, il-livell limitu ta' materjalità kombinat imsemmi fil-paragrafu 8 huwa livell limitu massimu rakkomandat. L-awtoritajiet rilevanti reċiprokanti jistgħu għalhekk jistabbilixxu livell limitu aktar baxx minflok japplikaw il-livell limitu rakkomandat għall-ġurisdizzjonijiet tagħhom fejn xieraq, jew jirreċiprokaw il-miżura mingħajr ebda livell limitu ta' materjalità.

## Il-Lussemburgu:

### **Limiti legalment vinkolanti bejn is-self u l-valur (LTV) għal self ipotekarju ġdid fuq proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Lussemburgu, b'limiti LTV differenti applikabbli għal kategoriji differenti ta' mutwatarji:**

- (a) **limitu LTV ta' 100% għal dawk li jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom;**
- (b) **limitu LTV ta' 90% għal xerrejja oħra, jiġifieri dawk li ma jkunux qed jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom. Dan il-limitu huwa implimentat b'mod proporzjonali permezz ta' allokkazzjoni tal-portafoll. Speċifikament, is-selliefa jistgħu jorġu 15% tal-portafoll ta' self ipotekarju ġdid mogħti lil dawn il-mutwatarji b'LTV ogħla minn 90% iżda inqas mil-LTV massimu ta' 100%;**
- (c) **limitu LTV ta' 80% għal self ipotekarju ieħor (inkluż is-segment tax-xiri għall-kiri).**

## I. Deskrizzjoni tal-miżura

1. L-awtoritajiet tal-Lussemburgu attivaw limiti LTV legalment vinkolanti għal self ipotekarju ġdid fuq proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Lussemburgu. Wara r-Rakkomandazzjoni tal-Comité du Risque Systémique (Kumitat dwar ir-Riskju Sistemiku) <sup>(1)</sup>, il-Commission de Surveillance du Secteur Financier (Kummissjoni tas-Sorveljanza tas-Settur Finanzjarju) <sup>(2)</sup> li taġixxi flimkien mal-Banque centrale du Luxembourg attivaw limiti LTV li jvarjaw bejn tliet kategoriji ta' dawk li jissellfu. Il-limiti LTV għal kull waħda mit-tliet kategoriji huma kif ġej:

- (a) Limitu LTV ta' 100% għal dawk li jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom;
- (b) Limitu LTV ta' 90% għal xerrejja oħra, jiġifieri xerrejja li ma jkunux qed jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom. Dan il-limitu huwa implimentat b'mod proporzjonali permezz ta' allokkazzjoni tal-portafoll. Speċifikament, is-selliefa jistgħu jorġu 15% tal-portafoll ta' self ipotekarju ġdid mogħti lil dawn il-mutwatarji b'LTV ogħla minn 90% iżda inqas mil-LTV massimu ta' 100%;
- (c) Limitu LTV ta' 80% għal self ipotekarju ieħor (inkluż is-segment tax-xiri għall-kiri).

<sup>(1)</sup> Recommandation du comité du risque systémique du 9 novembre 2020 relative aux crédits portant sur des biens immobiliers à usage Résidentiel situés sur le territoire du Luxembourg (CRS/2020/005).

<sup>(2)</sup> CSSF Regulation Nru 20-08 du 3 décembre 2020 fixant des conditions pour l'octroi de crédits relatifs à des biens immobiliers à usage Résidentiel situés sur le territoire du Luxembourg.

2. LTV huwa l-proporzjon bejn is-somma tas-selfiet kollha jew il-partijiet ta' self sostnuti mill-mutwatarju bi proprjetà residenzjali fiż-żmien meta jingħata s-self u l-valur tal-proprjetà fl-istess ħin.
3. Il-limiti LTV japplikaw indipendentement mit-tip ta' sjieda (eż. sjieda sħiħa, użufrutt, nuda proprjetà).
4. Il-miżura tapplika għal kwalunkwe mutwatarju privat li jieħu self ipotekarju biex jixtri proprjetà immobbli residenzjali fil-Lussemburgu għal skopijiet mhux kummerċjali. Il-miżura tapplika wkoll jekk il-mutwatarju juża struttura legali bħal kumpanija tal-investiment fil-proprjetà immobbli biex titwettaq din it-tranżazzjoni, u fil-każ ta' applikazzjonijiet konġunti. 'Proprjetà immobbli residenzjali' tinkludi art għall-bini, kemm jekk ix-xogħol ta' kostruzzjoni jsir immedjatament wara x-xiri kif ukoll jekk snin wara. Il-miżura tapplika wkoll jekk self jingħata lil mutwatarju għax-xiri ta' proprjetà bi ftehim ta' kiri fit-tul. Il-proprjetà immobbli tista' tkun għall-okkupazzjoni tas-sid jew tax-xiri għall-kiri.

## II. Reċiprokazzjoni

5. L-Istati Membri li l-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom, il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u l-professionisti li jwettqu attivitajiet ta' self (selliefa ipotekarji) għandhom skoperturi ta' kreditu materjali rilevanti tal-Lussemburgu permezz ta' kreditu transkonfinali dirett huma rakkomandati li jirreċiprokaw il-miżura tal-Lussemburgu fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Jekk l-istess miżura ma tkunx disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom għall-iskoperturi transkonfinali rilevanti kollha, jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw il-miżuri disponibbli li jkollhom l-aktar effett ekwivalenti għall-miżura ta' politika makroprudenzjali attivata.
6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-BERS li huma rreċiprokaw il-miżura tal-Lussemburgu jew użaw eżenzjonijiet *de minimis* skont ir-Rakkomandazzjoni D tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2. In-notifika għandha tiġi pprovduta mhux aktar tard minn xahar wara li tkun ġiet adottata l-miżura reċiproka, bl-użu tal-mudell rispettiv ippubblikat fuq is-sit web tal-BERS. Il-BERS se jipubblika n-notifiki fuq is-sit web tal-BERS, u b'hekk jikkomunika d-deċiżjonijiet nazzjonali ta' moviment reċiproku lill-pubbliku. Din il-pubblikazzjoni se tinkludi kwalunkwe eżenzjoni maġmula minn Stati Membri reċiprokanti u l-impenn tagħhom li jimmonitorjaw it-tixrid u jaġixxu jekk ikun meħtieġ.
7. Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jirreċiprokaw miżura fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## III. Livell limitu ta' materjalità

8. Il-miżura hija kkumplementata b'żewġ livelli limiti ta' materjalità biex tidderieġi l-applikazzjoni potenzjali tal-prinċipju *de minimis* mill-Istati Membri reċiprokanti: livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-pajjiż u livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni. Il-livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-pajjiż għas-self ipotekarju transkonfinali totali lil-Lussemburgu huwa ta' EUR 350 miljun li jikkorrispondi għal madwar 1% tas-suq domestiku totali tal-ipoteki fuq proprjetà immobbli residenzjali f'Diċembru 2020. Il-livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni għat-total tas-self ipotekarju transkonfinali lil-Lussemburgu huwa ta' EUR 35 miljun li jikkorrispondi għal madwar 0.1% tas-suq ipotekarju residenzjali domestiku totali fil-Lussemburgu f'Diċembru 2020. Ir-reċiprokazzjoni tintalab biss meta jinqabżu kemm il-livell limitu speċifiku għall-pajjiż kif ukoll il-livell limitu speċifiku għall-istituzzjoni.

## In-Norveġja

- rata ta' 4.5% tar-riżerva tar-riskju sistemiku għal skoperturi fin-Norveġja, applikata f'konformità mal-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE, kif applikata għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020 skont it-termini tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim ŻEE) (minn hawn 'il quddiem is-“CRD kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020”), għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fin-Norveġja;
- limitu minimu tal-piż tar-riskju medju ta' 20% għal skoperturi ta' proprjetà immobbli residenzjali fin-Norveġja, applikat skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikat għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020 skont it-termini tal-Ftehim ŻEE (minn hawn 'il quddiem is-“CRR kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020”), għal istituzzjonijiet ta' kreditu, awtorizzati fin-Norveġja, li jużaw l-approċċ ibbażat fuq il-klassifikazzjoni interna (IRB) għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali regolatorji;
- limitu minimu tal-piż tar-riskju medju ta' 35% għal skoperturi ta' proprjetà immobbli kummerċjali fin-Norveġja, applikat skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tas-CRR kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020 għal istituzzjonijiet ta' kreditu, awtorizzati fin-Norveġja, bl-użu tal-approċċ IRB għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali regolatorji.

## I. Deskrizzjoni tal-miżuri

1. Mill-31 ta' Diċembru 2020, il-Finansdepartementet (il-Ministeru tal-Finanzi Norveġiż) introduċa tliet miżuri, jiġifieri (i) rekwiżit ta' riżerva tar-riskju sistemiku għal skoperturi fin-Norveġja, skont l-Artikolu 133 tas-CRD, kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020; (ii) limitu minimu tal-piż tar-riskju medju ta' 20% għal skoperturi ta' proprjetà immobbli residenzjali fin-Norveġja, skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tas-CRR kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020; u (iii) limitu minimu tal-piż tar-riskju medju għal skoperturi ta' proprjetà immobbli kummerċjali fin-Norveġja, skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tas-CRR kif applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2020.
2. Ir-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku hija stabbilita għal 4.5% u tapplika għall-iskoperturi domestiċi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fin-Norveġja. Madankollu, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jużawx l-approċċ IRB avanzat, ir-rata tar-riżerva tar-riskju sistemiku applikabbli għall-iskoperturi kollha hija stabbilita għal 3% sal-31 ta' Diċembru 2022; minn hemm 'il quddiem, ir-rata tar-riżerva tar-riskju sistemiku applikabbli għall-iskoperturi domestiċi hija stabbilita għal 4.5%.
3. Il-miżura tal-limitu minimu tal-piż tar-riskju tal-proprjetà immobbli residenzjali hija limitu minimu għall-piż tar-riskju medju speċifiku għall-istituzzjoni għal skoperturi ta' proprjetà immobbli residenzjali fin-Norveġja, applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw l-approċċ IRB. Il-limitu minimu tal-piż tar-riskju tal-proprjetà immobbli jikkonċerna l-piż tar-riskju medju ponderat skont l-iskopertura fil-portafoll tal-proprjetà immobbli residenzjali. Skoperturi Norveġiżi ta' proprjetà immobbli residenzjali għandhom jinftiehem bħala skoperturi fil-livell tal-konsumatur kollateralizzati minn proprjetà immobbli fin-Norveġja.
4. Il-miżura tal-limitu minimu tal-piż tar-riskju tal-proprjetà immobbli kummerċjali hija limitu minimu għall-piż tar-riskju medju speċifiku għall-istituzzjoni għal skoperturi ta' proprjetà immobbli kummerċjali fin-Norveġja, applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw l-approċċ IRB. Il-limitu minimu tal-piż tar-riskju tal-proprjetà immobbli jikkonċerna l-piż tar-riskju medju ponderat skont l-iskopertura fil-portafoll tal-proprjetà immobbli kummerċjali. Skoperturi Norveġiżi ta' proprjetà immobbli kummerċjali għandhom jinftiehem bħala skoperturi korporattivi kollateralizzati minn proprjetà immobbli fin-Norveġja.

## II. Reċiprokazzjoni

5. L-awtoritajiet rilevanti huma rakkomandati jirreċiprokaw il-miżuri Norveġiżi għal skoperturi li jinsabu fin-Norveġja skont l-Artikolu 134(1) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 458(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, rispettivament. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jirreċiprokaw ir-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku fi żmien 18-il xahar wara l-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, kif emendata mir-Rakkomandazzjoni BERS/2021/3 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (\*\*\*) f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ħliet kif previst mod ieħor fil-paragrafu 7 hawn taħt. Il-livelli minimi tal-piż tar-riskju medju għal skoperturi ta' proprjetà immobbli residenzjali u kummerċjali fin-Norveġja għandhom jiġu reċiprokati fil-perjodu ta' tranżizzjoni standard ta' tliet xhur previst mir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2.
6. Jekk l-istess miżuri ta' politika makroprudenzjali mhumiex disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom, f'konformità mas-subrakkomandazzjoni C(2), huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw, wara konsultazzjoni mal-BERS, miżuri ta' politika makroprudenzjali disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom li għandhom l-aktar effett ekwivalenti għall-miżuri msemmija hawn fuq rakkomandati għar-reċiprokazzjoni. L-awtoritajiet rilevanti huma rakkomandati li jadottaw il-miżuri ekwivalenti għar-reċiprokazzjoni tal-limiti minimi tal-piż tar-riskju medju għal skoperturi ta' proprjetà immobbli residenzjali u kummerċjali fi żmien 12-il xahar u għar-reċiprokazzjoni tar-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku fi żmien 18-il xahar, rispettivament, wara l-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ħliet kif previst mod ieħor fil-paragrafu 7 hawn taħt għar-riżerva għal riskju sistemiku.
7. Sakemm id-Direttiva (UE) 2019/878 ssir applikabbli għan-Norveġja u fin-Norveġja f'konformità mat-termini tal-Ftehim ŻEE, l-awtoritajiet rilevanti jstgħu jirreċiprokaw il-miżura Norveġiża tar-riżerva għal riskju sistemiku b'mod u flivell li jqis kwalunkwe duplikazzjoni jew differenza fir-rekwiżiti kapitali applikabbli fl-Istat Membru tagħhom u fin-Norveġja, dment li jaderixxu mal-prinċipji li ġejjin:
  - (a) kopertura tar-riskju: l-awtoritajiet rilevanti għandhom jiżguraw li r-riskju sistemiku li l-miżura Norveġiża tfittex li timmitiga jiġi indirizzat b'mod adegwat;
  - (b) l-evitar tal-arbitraġġ regolatorju u l-iżguraw ta' kundizzjonijiet ugwali: l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimminimizzaw il-possibbiltà ta' tixrid u arbitraġġ regolatorju u jagħlqu minnufih kwalunkwe lakuna regolatorja jekk ikun meħtieġ; l-awtoritajiet rilevanti għandhom jiżguraw kundizzjonijiet ugwali bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Dan il-paragrafu ma japplikax għall-miżuri tal-livell minimu tal-piż tar-riskju medju għal skoperturi ta' proprjetà immobbli residenzjali u kummerċjali.



### III. Livell limitu ta' materjalità

8. Il-miżuri huma kkumplimentati minn livelli limitu ta' materjalità speċifiċi għall-istituzzjoni ibbażati fuq skoperturi li jinsabu fin-Norveġja biex jiggwidaw l-applikazzjoni potenzjali tal-prinċipju *de minimis* mill-awtoritajiet rilevanti li jirreċiprokaw il-miżura, hekk kif ġej:
  - (a) għar-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku, il-livell limitu ta' materjalità huwa stabbilit għal ammont ta' skopertura ppeżat għar-riskju ta' NOK 32 biljun, li jikkorrispondi għal madwar 1% tal-ammont totali tal-iskoperturi ppeżati għar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fin-Norveġja;
  - (b) għal-limitu minimu tal-piż tar-riskju tal-proprjetà immobbli residenzjali, il-livell limitu ta' materjalità huwa stabbilit għal self gross ta' NOK 32.3 biljun, li jikkorrispondi għal madwar 1% tas-self gross kollateralizzat ta' proprjetà immobbli residenzjali lil klijenti Norveġi;
  - (c) għal-limitu minimu tal-piż tar-riskju tal-proprjetà immobbli kummerċjali, il-livell limitu ta' materjalità huwa stabbilit għal self gross ta' NOK 7.6 biljun, li jikkorrispondi għal madwar 1% tas-self ta' proprjetà immobbli kummerċjali kollateralizzat gross lil klijenti Norveġi.
9. F'konformità mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jeżentaw istituzzjonijiet ta' kreditu individwali awtorizzati domestikament li jkollhom skoperturi mhux materjali fin-Norveġja. L-iskoperturi jitqiesu mhux materjali jekk ikunu taħt il-livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni stabbiliti skont il-paragrafu 8 ta' hawn fuq. Meta japplikaw il-livelli limitu tal-materjalità, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rakkomandat li japplikaw il-miżuri Norveġi għal istituzzjonijiet ta' kreditu individwali awtorizzati domestikament li qabel kienu eżentati meta jeċċedu l-livelli limitu ta' materjalità stabbiliti skont il-paragrafu 8 ta' hawn fuq.
10. F'konformità mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, il-livelli limitu ta' materjalità imsemmija fil-paragrafu 8 hawn fuq huma livelli limitu massimi rakkomandati. L-awtoritajiet rilevanti reċiprokanti jistgħu għalhekk jistabbilixxu livelli limitu aktar baxxi minflok japplikaw il-livelli limitu rakkomandati għall-ġurisdizzjonijiet tagħhom fejn xieraq, jew jirreċiprokaw il-miżuri mingħajr ebda livell limitu ta' materjalità.
11. Fejn ma jkunx hemm istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Istati Membri li jkollhom skoperturi materjali fin-Norveġja, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu, skont it-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, jiddeċiedu li ma jirreċiprokawx il-miżuri Norveġi. F'dan il-każ, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rakkomandat lilhom li jirreċiprokaw il-miżuri Norveġi meta istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata domestikament teċċedi l-livelli limitu ta' materjalità rispettivi.

### L-Iżvezja

**Limitu minimu speċifiku għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' 25 fil-mija għall-medja ponderata għall-iskopertura tal-piżijiet tar-riskju applikati għall-portafoll ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur lil obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja ggarantiti minn proprjetà immobbli skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Iżvezja li jużaw l-Approċċ IRB għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital regolatorju.**

#### I. Deskrizzjoni tal-miżura

1. Il-miżura Żvediża, applikata skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u imposta fuq istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Iżvezja li jużaw l-Approċċ IRB, tikkonsisti fl-limitu minimu speċifiku għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' 25 fil-mija għall-medja ponderata skont l-iskopertura tal-piż tar-riskju applikat għall-portafoll ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur għall-obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja ggarantiti minn proprjetà immobbli.
2. Il-medja ponderata skont l-iskopertura hija l-medja tal-piżijiet tar-riskju tal-iskoperturi individwali kkalkulata skont l-Artikolu 154 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ippeżata mill-valur tal-iskopertura rilevanti.

#### II. Reċiprokazzjoni

3. Skont l-Artikolu 458(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jirreċiprokaw il-miżura Żvediża billi japplikawha għall-friegħi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati domestikament li jinsabu fl-Iżvezja li jużaw l-Approċċ IRB fl-iskadenza speċifikata fis-subrakkomandazzjoni C(3).
4. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jirreċiprokaw il-miżura Żvediża billi japplikawha għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati domestikament li jużaw l-Approċċ IRB li għandhom skoperturi fil-livell tal-konsumatur diretti għal obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja ggarantiti minn proprjetà immobbli. Skont is-subrakkomandazzjoni C(2), huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw l-istess miżura bħal dik li ġiet implimentata fl-Iżvezja mill-awtorità attivanti fl-iskadenza speċifikata fis-subrakkomandazzjoni C(3).

5. Jekk l-istess miżura ta' politika makroprudenzjali mhijiex disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw, wara konsultazzjoni mal-BERS, miżura ta' politika makroprudenzjali disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom li għandha l-aktar effett ekwivalenti għall-miżura msemmija hawn fuq rakkomandata għar-riċiprokazzjoni. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jadottaw il-miżura ekwivalenti sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### III. Livell limitu ta' materjalità

6. Il-miżura hija kkumplimentata minn livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni ta' SEK 5 biljun biex tiggwida l-applikazzjoni potenzjali tal-prinċipju *de minimis* mill-awtoritajiet rilevanti li jirreċiprokaw il-miżura.
7. B'mod konformi mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jeżentaw lil istituzzjonijiet ta' kreditu individwali awtorizzati domestikament li jużaw l-Approċċ IRB li għandhom skoperturi mhux materjali fil-livell tal-konsumatur għal obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja ggarantiti minn proprjetà immobbli li huma taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' SEK 5 biljun. Meta japplikaw il-livell limitu tal-materjalità, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rrakkomandat li japplikaw il-miżura Żvediża għal istituzzjonijiet ta' kreditu individwali awtorizzati domestikament li qabel kienu eżentati meta jeċċedu l-livell limitu ta' materjalità ta' SEK 5 biljun.
8. Fejn ma hemmx istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Istati Membri kkonċernati b'friegħi li jinsabu fl-Iżvezja jew li għandhom skoperturi diretti fil-livell tal-konsumatur għal obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja, garantiti minn proprjetà immobbli, li jużaw l-Approċċ IRB u li għandhom skoperturi fil-livell tal-konsumatur ta' SEK 5 biljun jew aktar għal obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja, iggarantiti minn proprjetà immobbli, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu, skont it-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, jiddeċiedu li ma jirreċiprokawx il-miżura Żvediża. F'dan il-każ, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rrakkomandat lilhom li jirreċiprokaw il-miżura Żvediża meta istituzzjoni ta' kreditu li tuża l-Approċċ IRB teċċedi l-livell limitu ta' SEK 5 biljun.
9. F'konformità mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, il-livell limitu ta' materjalità ta' SEK 5 biljun huwa l-livell limitu massimu rrakkomandat. L-awtoritajiet rilevanti riċiprokanti jistgħu għalhekk jistabbilixxu livell limitu aktar baxx minflok japplikaw il-livell limitu rakkomandat għall-ġurisdizzjonijiet tagħhom fejn xieraq, jew jirreċiprokaw il-miżura mingħajr ebda livell limitu ta' materjalità..

(\*) Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

(\*\*) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

(\*\*\*) Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali."

**RISKJU SISTEMIKU****tal-24 ta' Marzu 2021****li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (BERS/2021/2)**

(2021/C 222/02)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex jiġu żgurati miżuri ta' politika makroprudenzjali nazzjonali effettivi u konsistenti, huwa importanti li tiġi kkomplimentata r-reċiproċità obligatorja meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni b'reċiproċità volontarja.
- (2) Il-qafas dwar ir-reċiproċità volontarja għal miżuri ta' politika makroprudenzjali, stabbilit fir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(3)</sup>, għandu l-għan li jiżgura li l-istess sett ta' rekwiżiti makroprudenzjali japplikaw għall-istess tip ta' skoperturi għar-riskju fi Stat Membru partikolari, irrispettivament mill-istatus legali u l-post tal-fornitur tas-servizzi finanzjarji.
- (3) Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2017/4 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(4)</sup> tirrakkomanda lill-awtorità attivanti rilevanti biex tippromovi livell limitu massimu ta' materjalità meta tissottometti talba għal reċiproċità lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), li taħtu l-iskopertura ta' fornitur tas-servizz finanzjarju individwali għar-riskju makroprudenzjali identifikat fil-ġurisdizzjoni fejn il-miżura ta' politika makroprudenzjali hija applikata mill-awtorità attivanti tista' titqies bħala mhux materjali. Il-BERS jista' jirrakkomanda livell limitu differenti jekk jitqies neċessarju.
- (4) Mill-1 ta' Jannar 2021, l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u l-professionisti li jwettqu attivitajiet ta' self (selliefa ipotekarji) fil-Lussemburgu huma meħtieġa jikkonformaw mal-limiti bejn is-self u l-valur (LTV) fuq self ipotekarju ġdid fuq proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Lussemburgu, b'limiti LTV differenti fost il-kategoriji ta' min jissellef: (i) limitu LTV ta' 100% għal dawk li jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom; (ii) limitu LTV ta' 90% għal xerrejja oħra (jiġifieri mhux xerrejja għall-ewwel darba) li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom, soġġett għal allowance tal-portafoll (jiġifieri l-mutwanti jistgħu joħorġu 15% tal-portafoll ta' ipoteki ġodda mogħtija lil dawn il-mutwatarji b'LTV ogħla minn 90% iżda inqas mil-LTV massimu ta' 100%); (iii) limitu LTV ta' 80% għal self ipotekarju ieħor (inkluż is-segment tax-xiri għall-kiri).

<sup>(1)</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

<sup>(3)</sup> Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 97, 12.3.2016, p. 9).

<sup>(4)</sup> Rakkomandazzjoni BERS/2017/4 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Ottubru 2017 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 431, 15.12.2017, p. 1).

- (5) Wara t-talba għal reċiproċità mill-*Comité du Risque systémique* (Kumitat dwar ir-Riskju Sistemiku) lill-BERS fit-18 ta' Diċembru 2020, u sabiex: (i) jiġi evitat li jseħħu effetti transkonfinali negattivi fil-forma ta' tixrid u arbitraġġ regolatorju li jistgħu jiġu kkawżati mill-implimentazzjoni tal-miżura tal-politika makroprudenzjali applikata fil-Lussemburgu; (ii) jinżammu kundizzjonijiet ugwali fost l-istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti u jippreservaw ir-reżiljenza ġenerali ta' dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji; il-Bord Ġenerali tal-BERS iddeċieda li jinkludi din il-miżura fil-lista ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali li huma rakkomandati li jiġu reċiprokati taħt ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2.
- (6) Il-miżura tal-politika makroprudenzjali attivata mill-*Commission de Surveillance du Secteur Financier* (Kummissjoni tas-Sorveljanza tas-Settur Finanzjarju) hija miżura li mhijiex armonizzata skont il-liġi tal-Unjoni. F'konformità mas-subrakkomandazzjoni C(2) tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, l-awtoritajiet reċiprokanti huma rakkomandati li jew jimplimentaw l-istess miżura ta' politika makroprudenzjali bħal dik li tkun ġiet implimentata mill-awtorità attivanti jew, jekk l-istess miżura ta' politika makroprudenzjali ma tkunx disponibbli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jadottaw, wara konsultazzjoni mal-BERS, miżura ta' politika makroprudenzjali disponibbli fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom li jkollha l-aktar effett ekwivalenti għall-miżura ta' politika makroprudenzjali attivata.
- (7) Il-Bord Ġenerali tal-BERS iddeċieda wkoll li jirrakkomanda livell limitu speċifiku għall-istituzzjoni u livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-pajjiż biex imexxi l-applikazzjoni tal-prinċipju *de minimis* mill-Istati Membri reċiprokanti.
- (8) Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

#### EMENDI

Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 hija emendata kif ġej:

1. fit-Taqsima 1, is-subrakkomandazzjoni C(1) hija ssostitwita b'dan li ġej:

- “1. L-awtoritajiet rilevanti huma rakkomandati li jirreċiprokaw il-miżuri tal-politika makroprudenzjali adottati minn awtoritajiet rilevanti oħrajn u rakkomandati għal reċiprokazzjoni mill-BERS. Huwa rakkomandat li l-miżuri li ġejjin, kif deskritt aktar fl-Anness, jiġu rreċiprokati:

Il-Belġju:

— żieda għall-piż tar-riskju għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur assigurati minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju, applikata skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 lil istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fil-Belġju bl-użu tal-Approċċ IRB għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-kapital regolatorju u magħmul minn:

(a) żieda fissa ta' piż għar-riskju ta' 5 punti perċentwali; u

(b) supplement għall-piż tar-riskju proporzjonat li jikkonsisti minn 33 fil-mija tal-medja ponderata skont l-iskopertura tal-piż tar-riskju applikat għall-portafoll ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju;

Franza:

— issikkar tal-limitu ta' skopertura kbira pprovdut fl-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, applikabbli għall-iskoperturi għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar b'dejn kbir li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza għal 5 fil-mija tal-kapital eliġibbli, applikat skont l-Artikolu 458(2)(d)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal istituzzjonijiet sistemikament importanti globali (G-SIIs) u istituzzjonijiet sistemikament importanti oħrajn (O-SIIs) fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħhom.;

Il-Lussemburgu:

- limiti legalment vinkolanti bejn is-self u l-valur (LTV) għal self ipotekarju ġdid fuq proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Lussemburgu, b'limiti LTV differenti applikabbli għal kategoriji differenti ta' dawk li jissellfu:
  - (a) limitu LTV ta' 100% għal dawk li jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom;
  - (b) limitu LTV ta' 90% għal xerrejja oħra, jiġifieri dawk li ma jkunux qed jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom. Dan il-limitu huwa implimentat b'mod proporzjonali permezz ta' allokkazzjoni tal-portafoll. Speċifikament, is-selliefa jistgħu joħorġu 15% tal-portafoll ta' self ipotekarju ġdid mogħti lil dawn il-mutwatarji b'LTV ogħla minn 90% iżda inqas mil-LTV massimu ta' 100%;
  - (c) limitu LTV ta' 80% għal self ipotekarju ieħor (inkluż is-segment tax-xiri għall-kiri).

L-Iżvezja:

- perċentwal minimu speċifiku għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' 25 fil-mija għall-medja ponderata skont l-iskopertura tal-piżijiet tar-riskju applikati għall-portafoll ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur lil debituri li jirrisjedu fl-Iżvezja ggarantiti minn proprjetà immobbli skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Iżvezja li jużaw l-Approċċ IRB għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital regolatorju.”;

2. L-Anness huwa ssostitwit bl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-24 ta' Marzu 2021.

*Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS,  
F'isem il-Bord Ġenerali tal-BERS  
Francesco MAZZAFERRO*

ANNEX

"ANNEX

## Il-Belġju

**Suppliment għall-piż tar-riskju għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantit minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju, impost fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fil-Belġju, li jużaw l-Approċċ IRB u applikat b'konformità mal-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Is-suppliment huwa magħmul minn żewġ komponenti:**

- (a) **żieda fissa ta' piż għar-riskju ta' 5 punti perċentwali; u**
- (b) **suppliment għall-piż tar-riskju proporzjonat li jikkonsisti minn 33 fil-mija tal-medja ponderata skont l-iskopertura tal-piż tar-riskju applikat għall-portafoll ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju.**

### I. Deskrizzjoni tal-miżura

1. Il-miżura Belġjana, applikata skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u imposta fuq istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fil-Belġju li jużaw l-Approċċ IRB, tikkonsisti f'suppliment għall-piż tar-riskju għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju, li huwa magħmul minn żewġ komponenti:
  - (a) L-ewwel komponent jikkonsisti f'żieda ta' 5 punti perċentwali għall-piż tar-riskju għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju miksuba wara l-komputazzjoni tat-tieni parti tas-suppliment għall-piż tar-riskju skont il-punt (b).
  - (b) It-tieni komponent jikkonsisti f'żieda fil-piż tar-riskju ta' 33 fil-mija tal-medja ponderata skont l-iskopertura tal-piżijiet tar-riskju applikati għall-portafoll ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju. Il-medja ponderata skont l-iskopertura hija l-medja tal-piż tar-riskju tas-self individwali kkalkulata skont l-Artikolu 154 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ippeżata mill-valur tal-iskopertura rilevanti.

### II. Reċiprokazzjoni

2. Skont l-Artikolu 458(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jirreċiprokaw il-miżura Belġjana billi japplikawha għal friegħi li jinsabu fil-Belġju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati domestikament bl-użu tal-Approċċ IRB fiż-żmien speċifikat fis-subrakkomandazzjoni C(3).
3. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jirreċiprokaw il-miżura Belġjana billi japplikawha għal istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati domestikament bl-użu tal-Approċċ IRB li għandu skoperturi fil-livell tal-konsumatur diretti assigurati minn proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Belġju. Skont is-subrakkomandazzjoni C(2), huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw l-istess miżura bħal dik li ġiet implimentata fil-Belġju mill-awtorità attivanti fl-iskadenza speċifikata fis-subrakkomandazzjoni C(3).
4. Jekk l-istess miżura ta' politika makroprudenzjali ma hijiex disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw, wara konsultazzjoni mal-BERS, miżura ta' politika makroprudenzjali disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom li jkollha l-aktar effett ekwivalenti għall-miżura msemmija hawn fuq irrakkomandata għar-reċiprokazzjoni, inkluż l-adozzjoni ta' miżuri u setgħat superviżorji stipulati fit-Titolu VII, Kapitolu 2, Taqsima IV tad-Direttiva 2013/36/UE. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jadottaw il-miżura ekwivalenti sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

### III. Livell limitu ta' materjalità

5. Il-miżura hija kkumplementata minn livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni ta' EUR 2 biljun biex jiggwida l-applikazzjoni potenzjali tal-prinċipju *de minimis* mill-awtoritajiet rilevanti li jirreċiprokaw il-miżura.
6. B'mod konformi mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jeżentaw istituzzjonijiet ta' kreditu individwali awtorizzati domestikament bl-użu tal-Approċċ IRB li jkollhom skoperturi non-materjali fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali fil-Belġju li huma taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' EUR 2 biljun. Meta japplikaw il-livell limitu tal-materjalità, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rrakkomandat li japplikaw il-miżura Belġjana għal istituzzjonijiet ta' kreditu individwali awtorizzati domestikament li qabel kienu eżentati meta jeċċedu l-livell limitu ta' materjalità ta' EUR 2 biljun.

7. Fejn m'hemm l-ebda istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fl-Istati Membri kkonċernati bi friegħi li jinsabu fil-Belġju jew li għandhom skoperturi fil-livell tal-konsumatur diretti iġġarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali fil-Belġju, li jużaw l-Approċċ IRB u li għandhom skoperturi ta' EUR 2 biljun jew iktar lis-suq tal-proprjetà immobbli residenzjali Belġjan, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu, skont it-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, jiddeċiedu li ma jirreċiprokawx il-miżura Belġjana. F'dan il-każ, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rrakkomandat li jirreċiprokaw il-miżura Belġjana meta istituzzjoni ta' kreditu li tuża l-Approċċ IRB teċċedi l-livell limitu ta' EUR 2 biljun.
8. F'konformità mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, il-livell limitu ta' materjalità ta' EUR 2 biljun huwa l-massimu rakkomandat tal-livell limitu. L-awtoritajiet rilevanti reċiprokanti jistgħu għalhekk jistabbilixxu livell limitu aktar baxx minflok japplikaw il-livell limitu rakkomandat għall-ġurisdizzjonijiet tagħhom fejn xieraq, jew jirreċiprokaw il-miżura mingħajr ebda livell limitu ta' materjalità.

## Franza

**Tnaqqis tal-limitu ta' skopertura kbira pprovdut fl-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, applikabbli għall-iskoperturi għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar b'dejn kbir li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza għal 5 fil-mija tal-kapital eliġibbli, applikat skont l-Artikolu 458(2)(d)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal istituzzjonijiet sistemikament importanti globali (G-SIIs) u istituzzjonijiet sistemikament importanti oħrajn (O-SIIs) fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħhom.**

### I. Deskrizzjoni tal-miżura

1. Il-miżura Franċiża, applikata skont l-Artikolu 458(2)(d)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u imposta fuq il-G-SIIs u l-O-SIIs fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħhom (mhux fl-livell subkonsolidat), tikkonsisti fi tnaqqis tal-limitu ta' skopertura kbira għal 5 fil-mija tal-kapital eliġibbli tagħhom, applikabbli għal skoperturi għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar b'dejn kbir li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza.
2. Korporazzjoni mhux finanzjarja hija definita bħala persuna fiżika jew ġuridika taħt id-dritt privat li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Franza, u li, fil-livell tagħha u fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni, tappartjeni għas-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji kif iddefinit fil-punt 2.45 tal-Anness A għar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*).
3. Il-miżura tapplika għal skoperturi għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza u għal skoperturi għal gruppi ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji konnessi kif ġej:
  - (a) Għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li huma parti minn grupp ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji konnessi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi Franza, il-miżura tapplika għat-total tal-iskoperturi netti lejn il-grupp u l-entitajiet konnessi kollha tiegħu fit-tifsira tal-punt (39) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
  - (b) Għall-korporazzjonijiet mhux finanzjarji li huma parti minn grupp ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji konnessi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni barra Franza, il-miżura tapplika għat-total ta':
    - a. l-iskoperturi għal dawk il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza;
    - b. l-iskoperturi għall-entitajiet fi Franza jew barra mill-pajjiż li fuqhom il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji msemmija f'(i) għandhom kontroll dirett jew indirett skont it-tifsira tal-punt (39) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u
    - c. l-iskoperturi għall-entitajiet fi Franza jew barra mill-pajjiż li huma ekonomikament dipendenti fuq il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji msemmija f'(i) skont it-tifsira tal-punt (39) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Għaldaqstant, korporazzjonijiet mhux finanzjarji li m'għandhomx l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza u li mhumiex sussidjarji jew entitajiet ekonomikament dipendenti fuq, u li mhumiex ikkontrollati direttament jew indirettament minn, korporazzjoni mhux finanzjarja li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Franza, ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura.

Skont l-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-miżura hija applikabbli wara li jiġi kkunsidrat l-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu u tal-eżenzjonijiet skont l-Artikoli 399 sa 403 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

4. G-SII jew O-SII għandha tikkunsidra korporazzjoni mhux finanzjarja li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Franza bħala kbira jekk l-iskopertura oriġinali tagħha għall-korporazzjoni mhux finanzjarja, jew għall-grupp ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji konnessi fit-tifsira tal-paragrafu 3, hija ta' EUR 300 miljun jew aktar. Il-valur tal-iskopertura oriġinali huwa kkalkulat skont l-Artikoli 389 u 390 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 qabel tikkunsidra l-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu u tal-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikoli 399 sa 403 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif irrappurtat skont l-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 (\*\*).
5. Korporazzjoni mhux finanzjarja titqies li għandha dejn kbir jekk ikollha proporzjon ta' ingranaġ li jkun akbar minn 100 fil-mija u proporzjon ta' kopertura tal-imposti finanzjarji taħt tlieta, ikkalkulati fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-grupp kif ġej:
  - (a) Il-proporzjon ta' ingranaġ huwa l-proporzjon bejn id-dejn totali nett mill-kontanti u l-ekwità; u
  - (b) Il-proporzjon ta' kopertura tal-imposti finanzjarji huwa l-proporzjon bejn, minn naħa, il-valur miżjud flimkien mas-sussidji operattivi wara li jitnaqqsu: (i) is-salarji; (ii) it-taxxi u d-dazji operattivi; (iii) l-ispejjeż operattivi ordinarji netti oħrajn eskluż l-imgħax nett u imposti simili; u (iv) id-deprezzament u l-amortizzazzjoni, u, min-naħa l-oħra, l-imgħax u imposti simili.

Il-proporzjonijiet huma kkalkulati abbażi ta' aggregati tal-kontabilità ddefiniti skont l-istandards applikabbli, kif ippreżentati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-korporazzjoni mhux finanzjarja, iċċertifikati fejn xieraq minn accountant bil-liċenzja.

## II. Reċiprokazzjoni

6. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jirreċiprokaw il-miżura Franċiża billi japplikawha għall-G-SIIs u l-O-SIIs awtorizzati domestikament fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fil-ġurisdizzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħhom.
7. Jekk l-istess miżura ta' politika makroprudenzjali mhijiex disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom, f'konformità mas-subrakkomandazzjoni C(2), huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw, wara konsultazzjoni mal-BERS, miżura ta' politika makroprudenzjali disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom li għandha l-aktar effett ekwivalenti għall-miżura msemmija hawn fuq irrakkomandata għar-reċiprokazzjoni. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jadottaw il-miżura ekwivalenti mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## III. Livell limitu ta' materjalità

8. Il-miżura hija kkomplementata minn livell limitu ta' materjalità kombinat sabiex jiggwida l-applikazzjoni potenzjali tal-prinċipju *de minimis* mill-awtoritajiet rilevanti li jirreċiprokaw il-miżura, li hija komposta minn:
  - (a) Livell limitu ta' EUR 2 biljun għall-iskoperturi oriġinali totali ta' G-SIIs u O-SIIs awtorizzati domestikament fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju għas-settur Franċiż ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji;
  - (b) Livell limitu ta' EUR 300 miljun applikabbli għal G-SIIs u O-SIIs awtorizzati domestikament li huwa ugwali għal jew jaqbeż il-livell limitu msemmi f'(a) għal:
    - (i) skopertura oriġinali waħda għal korporazzjoni mhux finanzjarja li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Franza;
    - (ii) it-total ta' skoperturi oriġinali għal grupp ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji konnessi, li għandu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi Franza, ikkalkulat skont il-paragrafu 3(a);
    - (iii) it-total tal-iskoperturi oriġinali għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza li huma parti minn grupp ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji konnessi li għandu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni barra Franza kif irrappurtat fil-mudelli C 28.00 u C 29.00 tal-Anness VIII għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014;
  - (c) Livell limitu ta' 5 fil-mija tal-kapital eliġibbli tal-G-SII jew tal-O-SII fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni, għal skoperturi identifikati f'(b) wara li jiġi kkunsidrat l-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu u l-eżenzjonijiet skont l-Artikoli 399 sa 403 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Il-livelli limiti msemmija fil-paragrafi (b) u (c) għandhom ikunu applikati irrispettivament minn jekk l-entità rilevanti jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja għandhiex dejn kbir jew le.

Il-valur tal-iskopertura oriġinali msemmi fil-paragrafi (a) u (b) għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikoli 389 u 390 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 qabel jitqies l-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu u l-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikoli 399 sa 403 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif irrappurtat skont l-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.



9. B'mod konformi mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jeżentaw lill-G-SIIs jew l-O-SIIs awtorizzati domestikament fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju li ma jiksrux il-livell limitu ta' materjalità kkombinat imsemmi fil-paragrafu 8. Meta japplikaw il-livell limitu ta' materjalità, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi ta' G-SIIs u O-SIIs awtorizzati domestikament għas-settur Franċiż tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji kif ukoll il-konċentrazzjoni ta' skopertura ta' G-SIIs u O-SIIs awtorizzati domestikament għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza, u huwa rakkomandat li japplikaw il-miżura Franċiża għal G-SIIs jew O-SIIs awtorizzati domestikament eżentati qabel fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħhom meta l-livell limitu ta' materjalità kkombinat imsemmi fil-paragrafu 8 jinkiser. L-awtoritajiet rilevanti huma mħeġġa wkoll jissenjalaw ir-riskji sistemiċi assoċjati mal-ingranaġġ miżjud ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza lil parteċipanti tas-suq oħrajn fil-ġurisdizzjoni tagħhom.
10. Fejn ma jkunx hemm G-SIIs jew O-SIIs fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħhom awtorizzati fl-Istati Membri kkonċernati u li għandhom skoperturi għas-settur Franċiż tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji ogħla mil-livell limitu ta' materjalità msemmi fil-paragrafu 8, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu, skont it-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, jiddeċiedu li ma jirreċiprokawx il-miżura Franċiża. F'dan il-każ l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskopertura ta' G-SIIs u O-SIIs awtorizzati domestikament għas-settur Franċiż ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji kif ukoll il-konċentrazzjoni tal-iskopertura ta' G-SIIs u O-SIIs awtorizzati domestikament għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza, u huwa rakkomandat li jirreċiprokaw il-miżura Franċiża meta G-SII jew O-SII fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni tal-perimetru prudenzjali bankarju tagħha teċċedi l-livell limitu ta' materjalità kkombinat imsemmi fil-paragrafu 8. L-awtoritajiet rilevanti huma mħeġġa wkoll jissenjalaw ir-riskji sistemiċi assoċjati mal-ingranaġġ miżjud ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji kbar li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Franza lil parteċipanti tas-suq oħrajn fil-ġurisdizzjoni tagħhom.
11. F'konformità mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, il-livell limitu ta' materjalità kombinat imsemmi fil-paragrafu 8 huwa livell limitu massimu rakkomandat. L-awtoritajiet rilevanti reċiprokanti jistgħu għalhekk jistabbilixxu livell limitu aktar baxx minflok japplikaw il-livell limitu rakkomandat għall-ġurisdizzjonijiet tagħhom fejn xieraq, jew jirreċiprokaw il-miżura mingħajr ebda livell limitu ta' materjalità.

## Il-Lussemburgu:

### **Limiti legalment vinkolanti bejn is-self u l-valur (LTV) għal self ipotekarju ġdid fuq proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Lussemburgu, b'limiti LTV differenti applikabbli għal kategoriji differenti ta' mutwatarji:**

- (a) **limitu LTV ta' 100% għal dawk li jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom;**
- (b) **limitu LTV ta' 90% għal xerrejja oħra, jiġifieri dawk li ma jkunux qed jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom. Dan il-limitu huwa implimentat b'mod proporzjonali permezz ta' allokazzjoni tal-portafoll. Speċifikament, is-selliefa jistgħu jorġu 15% tal-portafoll ta' self ipotekarju ġdid mogħti lil dawn il-mutwatarji b'LTV ogħla minn 90% iżda inqas mil-LTV massimu ta' 100%;**
- (c) **limitu LTV ta' 80% għal self ipotekarju ieħor (inkluż is-segment tax-xiri għall-kiri).**

## I. Deskrizzjoni tal-miżura

1. L-awtoritajiet tal-Lussemburgu attivaw limiti LTV legalment vinkolanti għal self ipotekarju ġdid fuq proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fil-Lussemburgu. Wara r-Rakkomandazzjoni tal-Comité du Risque Systémique (Kumitat dwar ir-Riskju Sistemiku) <sup>(1)</sup>, il-Commission de Surveillance du Secteur Financier (Kummissjoni tas-Sorveljanza tas-Settur Finanzjarju) <sup>(2)</sup> li taġixxi flimkien mal-Banque centrale du Luxembourg attivat limiti LTV li jvarjaw bejn tliet kategoriji ta' dawk li jissellfu. Il-limiti LTV għal kull waħda mit-tliet kategoriji huma kif ġej:
- (a) Limitu LTV ta' 100% għal dawk li jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom;
- (b) Limitu LTV ta' 90% għal xerrejja oħra, jiġifieri xerrejja li ma jkunux qed jixtru għall-ewwel darba li jakkwistaw ir-residenza primarja tagħhom. Dan il-limitu huwa implimentat b'mod proporzjonali permezz ta' allokazzjoni tal-portafoll. Speċifikament, is-selliefa jistgħu jorġu 15% tal-portafoll ta' self ipotekarju ġdid mogħti lil dawn il-mutwatarji b'LTV ogħla minn 90% iżda inqas mil-LTV massimu ta' 100%;
- (c) Limitu LTV ta' 80% għal self ipotekarju ieħor (inkluż is-segment tax-xiri għall-kiri).

<sup>(1)</sup> Recommandation du comité du risque systémique du 9 novembre 2020 relative aux crédits portant sur des biens immobiliers à usage Résidentiel situés sur le territoire du Luxembourg (CRS/2020/005).

<sup>(2)</sup> CSSF Regulation Nru 20-08 du 3 décembre 2020 fixant des conditions pour l'octroi de crédits relatifs à des biens immobiliers à usage Résidentiel situés sur le territoire du Luxembourg.

2. LTV huwa l-proporzjon bejn is-somma tas-selfiet kollha jew il-partijiet ta' self sostnuti minn mutwatarju bi proprjetà residenzjali fiż-żmien meta jingħata s-self u l-valur tal-proprjetà fl-istess ħin.
3. Il-limiti LTV japplikaw indipendentement mit-tip ta' sjieda (eż. sjieda sħiħa, użufrutt, nuda proprjetà).
4. Il-miżura tapplika għal kwalunkwe mutwatarju privat li jieħu self ipotekarju biex jixtri proprjetà immobbli residenzjali fil-Lussemburgu għal skopijiet mhux kummerċjali. Il-miżura tapplika wkoll jekk il-mutwatarju juża struttura legali bħal kumpanija tal-investment fil-proprjetà immobbli biex titwettaq din it-tranżazzjoni, u fil-każ ta' applikazzjonijiet konġunti. "Proprjetà immobbli residenzjali" tinkludi art għall-bini, kemm jekk ix-xogħol ta' kostruzzjoni jsir immedjatement wara x-xiri kif ukoll jekk snin wara. Il-miżura tapplika wkoll jekk self jingħata lil mutwatarju għax-xiri ta' proprjetà bi ftehim ta' kiri fit-tul. Il-proprjetà immobbli tista' tkun għall-okkupazzjoni tas-sid jew tax-xiri għall-kiri.

## II. Reċiprokazzjoni

5. L-Istati Membri li l-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom, il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u l-professjonisti li jwettqu attivitajiet ta' self (selliefa ipotekarji) għandhom skoperturi ta' kreditu materjali rilevanti tal-Lussemburgu permezz ta' kreditu transkonfinali dirett huma rakkomandati li jirreċiprokaw il-miżura tal-Lussemburgu fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Jekk l-istess miżura ma tkunx disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom għall-iskoperturi transkonfinali rilevanti kollha, jenħteġ li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw il-miżuri disponibbli li jkollhom l-aktar effett ekwivalenti għall-miżura ta' politika makroprudenzjali attivata.
6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-BERS li huma rreċiprokaw il-miżura tal-Lussemburgu jew użaw eżenzjonijiet *de minimis* skont ir-Rakkomandazzjoni D tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2. In-notifika għandha tiġi pprovduta mhux aktar tard minn xahar wara li tkun ġiet adottata l-miżura reċiproka, bl-użu tal-mudell rispettiv ippubblikat fuq is-sit web tal-BERS. Il-BERS se jipubblika n-notifiki fuq is-sit web tal-BERS, u b'hekk jikkomunika d-deċiżjonijiet nazzjonali ta' reċiprokazzjoni lill-pubbliku. Din il-pubblikazzjoni se tinkludi kwalunkwe eżenzjoni magħmula minn Stati Membri reċiprokanti u l-impenn tagħhom li jimmonitorjaw it-tixrid u jaġixxu jekk ikun meħtieġ.
7. Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jirreċiprokaw miżura fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## III. Livell limitu ta' materjalità

8. Il-miżura hija kkumplimentata b'żewġ livelli limiti ta' materjalità biex tiggwida l-applikazzjoni potenzjali tal-prinċipju *de minimis* mill-Istati Membri reċiprokanti: livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-pajjiż u livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni. Il-livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-pajjiż għas-self ipotekarju transkonfinali totali lil-Lussemburgu huwa ta' EUR 350 miljun li jikkorrispondi għal madwar 1% tas-suq domestiku totali tal-ipoteki fuq proprjetà immobbli residenzjali f'Diċembru 2020. Il-livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni għat-total tas-self ipotekarju transkonfinali lil-Lussemburgu huwa ta' EUR 35 miljun li jikkorrispondi għal madwar 0.1% tas-suq domestiku totali tal-ipoteki fuq proprjetà immobbli residenzjali fil-Lussemburgu f'Diċembru 2020. Ir-reċiprokazzjoni tintalab biss meta jinqabżu kemm il-limitu speċifiku għall-pajjiż kif ukoll il-limitu speċifiku għall-istituzzjoni.

## L-Iżvezja

**Limitu minimu speċifiku għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' 25 fil-mija għall-medja ponderata skont l-iskopertura tal-piżijiet tar-riskju applikati għall-portafoll ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur lil obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja ggarantiti minn proprjetà immobbli skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Iżvezja li jużaw l-Approċċ IRB għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital regolatorju.**

### I. Deskrizzjoni tal-miżura

1. Il-miżura Żvedija, applikata skont l-Artikolu 458(2)(d)(vi) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u imposta fuq istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Iżvezja li jużaw l-Approċċ IRB, tikkonsisti flimitu minimu speċifiku għall-istituzzjonijiet ta' 25 fil-mija għall-medja ponderata skont l-iskopertura tal-piż tar-riskju applikat għall-portafoll ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur għall-obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja ggarantiti minn proprjetà immobbli.

2. Il-medja ponderata skont l-iskopertura hija l-medja tal-piżijiet tar-riskju tal-iskoperturi individwali kkalkulata skont l-Artikolu 154 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ippeżata mill-valur tal-iskopertura rilevanti.

## II. Reċiprokazzjoni

3. Skont l-Artikolu 458(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jirreċiprokaw il-miżura Żvediża billi japplikawha għall-friegħi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati domestikament li jinsabu fl-Iżvezja li jużaw l-Approċċ IRB fl-iskadenza speċifikata fis-subrakkomandazzjoni C(3).
4. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jirreċiprokaw il-miżura Żvediża billi japplikawha għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati domestikament li jużaw l-Approċċ IRB li għandhom skoperturi fil-livell tal-konsumatur diretti għal obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja ggarantiti minn proprjetà immobbli. Skont is-subrakkomandazzjoni C(2), huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw l-istess miżura bħal dik li ġiet implimentata fl-Iżvezja mill-awtorità attivanti fl-iskadenza speċifikata fis-subrakkomandazzjoni C(3).
5. Jekk l-istess miżura ta' politika makroprudenzjali mhijiex disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw, wara konsultazzjoni mal-BERS, miżura ta' politika makroprudenzjali disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom li għandha l-aktar effett ekwivalenti għall-miżura msemmija hawn fuq rakkomandata għar-reċiprokazzjoni. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jadottaw il-miżura ekwivalenti sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## III. Livell limitu ta' materjalità

6. Il-miżura hija kkumplementata minn livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni ta' SEK 5 biljun biex tiggwida l-applikazzjoni potenzjali tal-prinċipju *de minimis* mill-awtoritajiet rilevanti li jirreċiprokaw il-miżura.
7. B'mod konformi mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jeżentaw lil istituzzjonijiet ta' kreditu individwali awtorizzati domestikament li jużaw l-Approċċ IRB li għandhom skoperturi fil-livell tal-konsumatur mhux materjali għal obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja ggarantiti minn proprjetà immobbli li huma taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' SEK 5 biljun. Meta japplikaw il-livell limitu tal-materjalità, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rrakkomandat li japplikaw il-miżura Żvediża għal istituzzjonijiet ta' kreditu individwali awtorizzati domestikament li qabel kienu eżentati meta jeċċedu l-livell limitu ta' materjalità ta' SEK 5 biljun.
8. Fejn ma hemmx istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Istati Membri kkonċernati b'friegħi li jinsabu fl-Iżvezja jew li għandhom skoperturi fil-livell tal-konsumatur diretti għal obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja, garantiti minn proprjetà immobbli, li jużaw l-Approċċ IRB u li għandhom skoperturi fil-livell tal-konsumatur ta' SEK 5 biljun jew aktar għal obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja, iggarantiti minn proprjetà immobbli, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu, skont it-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, jiddeċiedu li ma jirreċiprokawx il-miżura Żvediża. F'dan il-każ, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rrakkomandat lilhom li jirreċiprokaw il-miżura Żvediża meta istituzzjoni ta' kreditu li tuża l-Approċċ IRB teċċedi l-livell limitu ta' SEK 5 biljun.
9. F'konformità mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, il-livell limitu ta' materjalità ta' SEK 5 biljun huwa l-livell limitu massimu rrakkomandat. L-awtoritajiet rilevanti reċiprokanti jistgħu għalhekk jistabbilixxu livell limitu aktar baxx minflok japplikaw il-livell limitu rakkomandat għall-ġurisdizzjonijiet tagħhom fejn xieraq, jew jirreċiprokaw il-miżura mingħajr ebda livell limitu ta' materjalità..

(\*) Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

(\*\*) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1)."

## IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUNSILL

**Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

(2021/C 222/03)

L-informazzjoni li ġejja qed tingieb għall-attenzjoni tas-Sur Denis Valentinovich BEREZOVSKIY (nru. 4), is-Sur Sergei Vladimirovich ZHELEZNYAK (nru. 17), is-Sur Sergei Ivanovich MENYAILO (nru. 37), is-Sur Vladimir Nikolaevich PLIGIN (nru. 51), is-Sur Oleg Grigorievich KOZYURA (nru. 53), is-Sur Roman Viktorovich LYAGIN (nru. 58), is-Sur Mikhail Vladimirovich DEGTYARYOV (nru. 79), is-Sur Fyodor Dmitrievich BEREZIN (nru. 84), is-Sur Vladimir Abdualiyevich VASILYEV (nru. 108), is-Sur Vladimir Stepanovich NIKITIN (nru. 111), is-Sur Alexander Mikhailovich BABAKOV (nru. 119), is-Sur Oleg Konstantinovich AKIMOV (nru. 121), is-Sur Ihor Vladymyrovych KOSTENOK (nru. 130), is-Sur Yevgeniy Vyacheslavovich ORLOV (nru. 131), is-Sur Eduard Aleksandrovich BASURIN (nru. 137), is-Sur Alexandr Vasilievich SHUBIN (nru. 138), is-Sur Andrey Vladimirovich CHEREZOV (nru. 158) u s-Sur Aleksandr Yurevich PETUKHOV (nru. 164), persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK <sup>(1)</sup> u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 <sup>(2)</sup> dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdghajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Il-Kunsill qed jikkunsidra li jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-persuni msemmijin hawn fuq b'dikjarazzjonijiet ġodda tar-raġunijiet. Dawk il-persuni huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet maħsuba għad-deżinjazzjoni tagħhom, qabel l-24 ta' Ġunju 2021, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Segretarjat Ġenerali

RELEX.1.C

Rue de la Loi/Wetstraat 175

1048 Bruxelles/Brussel

BELGIQUE/BELGIË

posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 78, 17.3.2014, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠUL 78, 17.3.2014, p. 6.

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

### Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

L-10 ta' Ġunju 2021

(2021/C 222/04)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,2174	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4739
JPY	Yen Ġappuniż	133,35	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,4467
DKK	Krona Daniża	7,4364	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6932
GBP	Lira Sterlina	0,86293	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6129
SEK	Krona Żvediża	10,0715	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 358,76
CHF	Frank Żvizzeru	1,0909	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,6091
ISK	Krona Iżlandiża	146,80	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,7828
NOK	Krona Norveġiża	10,1118	HRK	Kuna Kroata	7,4985
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	17 375,34
CZK	Krona Ċeka	25,391	MYR	Ringgit Malażjan	5,0163
HUF	Forint Ungeriż	346,14	PHP	Peso Filippin	58,129
PLN	Zloty Pollakk	4,4818	RUB	Rouble Russu	87,8666
RON	Leu Rumen	4,9223	THB	Baht Tajlandiż	37,947
TRY	Lira Turka	10,3284	BRL	Real Brażiljan	6,1432
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5731	MXN	Peso Messikan	23,9905
			INR	Rupi Indjan	88,9732

(<sup>1</sup>) Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI  
KOMUNI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviżdwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri kompensatorji

(2021/C 222/05)

1. Kif previst fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, il-Kummissjoni tadvja li, sakemm ma jtnedjex rieżami skont il-proċedura li ġejja, il-miżuri kompensatorji msemminjiet hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

**2. Proċedura**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għat-tkomplija jew għar-rikorrenza ta' sussidjar u ta' dannu. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż tal-esportazzjoni u l-produtturi tal-Unjoni mbagħad jingħataw l-opportunità li jelaboraw, jirrifjutaw jew jikkumentaw dwar il-kwistjonijiet imsemminjiet fit-talba għal rieżami.

**3. Il-limitu ta' żmien**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, li trid tasal għand: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit G-1), CHAR 4/39, 1049 Brussels, Il-Belġju <sup>(2)</sup> fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat f'konformità mal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/1037.

Il-prodott	Il-pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Id-data ta' skadenza <sup>(1)</sup>
Ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita	L-Indja	Id-dazju kompensatorju	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/421 tad-9 ta' Marzu 2017 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 64, 10.3.2017, p. 10)	11.3.2022

<sup>(1)</sup> Il-miżura tiskadi f'nofsillejl (00:00) tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

<sup>(1)</sup> ĠU L 176, 30 ta' Ġunju 2016, p. 55.

<sup>(2)</sup> TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-  
KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10289 — PSP/Aviva/10 Station Road)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 222/06)

1. Fl-4 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Public Sector Pension Investment Board ("PSP", il-Kanada),
- Aviva Plc Group ("Aviva", ir-Renju Unit);
- 10 station Road (ir-Renju Unit).

PSP u Aviva jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll kollu ta' 10 Station Road kollha kemm hi

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- PSP: ġestjoni tal-investment tal-pensjonijiet tal-pjanijiet tal-pensjonijiet tas-Servizz Pubbliku Federali Kanadiż, tal-Forzi Armati Kanadiżi, tal-Pulizija tal-Kavallerija Rjali tal-Kanada u tal-Forza ta' Riżerva. Hija tiġġestixxi portafoll globali diversifikat li jinkludi ishema, bonds u titoli oħra bi dħul fiss, kif ukoll investimenti f'ekwità privata, proprjetà immobbli, infrastruttura, riżorsi naturali u dejn privat,
- Aviva: kumpanija Ingliża kkwotata fil-Borża u li topera fis-settur tal-assikurazzjoni. Aviva Plc hija kkwotata fis-sug ewlieni tal-Borża ta' Londra. Il-grupp ta' Aviva jipprovdi firxa wiesgħa ta' prodotti tal-assikurazzjoni, tat-tfaddil u tal-investment f'16-il pajjiż. Il-grupp ta' Aviva huwa prinċipalment attiv fir-Renju Unit, Franza u l-Kanada iżda għandu wkoll operazzjonijiet x'imkien ieħor fl-Ewropa u l-Asja,
- 10 Station Road: bini ta' uffiċċji li jinsab f'10 Station Road, Cambridge, CB1, ir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taq' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinhתיg li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10289 — PSP/Aviva/10 Station Road

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles / Brussel  
BELGIQUE / BELGIË

---



**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.10312 — Astorg Asset Management/Solina)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 222/07)

1. Fl-4 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Astorg Asset Management S.à.r.l. ("Astorg", il-Lussemburgu); kif ukoll
- Solina Corporate S.A.S. ("Solina", Franza).

Astorg takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Solina kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Astorg: investimenti ta' ekwità privata. Il-fondi ġestiti minn Astorg investew f'firxa wiesgħa ta' industriji.
- Solina: il-provvista ta' ingredjenti aromatiċi u funzjonali għall-industrija tal-ipproċessar tal-ikel, kif ukoll għall-klijenti tas-servizzi tal-ikel u tal-ikel bl-imnut, u fl-industrija tan-nutrizzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10312 — Astorg Asset Management/Solina

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles / Brussel  
BELGIQUE / BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

## ATTI OĦRAJN

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott emendata wara l-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012**

(2021/C 222/08)

Il-Kummissjoni Ewropea approvat din l-emenda minuri f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 <sup>(1)</sup>.

L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' din l-emenda minuri tista' tiġi kkonsultata fil-bażi tad-*data eAmbrosia* tal-Kummissjoni

## SPEĊIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT TA' SPEĊJALITÀ TRADIZZJONALI GARANTITA

## “KALAKUKKO”

**Nru tal-UE: TSG-FI-0013-AM01 – 22 ta' Ġunju 2020****Stat Membru: Il-Finlandja****1. Isem għar-reġistrazzjoni**

“Kalakukko”

**2. Tip ta' prodott [kif elenkat fl-Anness XI]**

Klassi 2.24. ħobż, għaġina, kejkijiet, ħelu, gallettini u prodotti oħra tal-furnara

**3. Raġunijiet għar-reġistrazzjoni****3.1. Jekk il-prodott:**

jirriżultax minn metodu ta' produzzjoni, ta' pproċessar jew ta' kompożizzjoni li jikkorrispondi għal prattika tradizzjonali għal dak il-prodott jew oġġett tal-ikel.

huwiex magħmul minn materja prima jew ingredjenti li huma dawk li jintużaw tradizzjonalment.

Il-metodu tradizzjonali ta' preparazzjoni tal-“Kalakukko” jitlob l-mili bil-ħut u l-bacon, li mbagħad jitgeżwer issikkat f'għaġina densa u pjuttost hoxxa tal-ħobż tas-segala. Din tiġi ssiġillata billi t-truf tal-għaġina jittellgħu fuq il-mili. Il-preparazzjoni tinvolvi wkoll il-ħami bil-mod tal-ħut u l-laħam bil-mod tradizzjonali bl-użu tal-forn u s-sħana residwa tal-forn. Il-prodott lest jista' jkun tond, ovali jew tawwali.

**3.2. Indika jekk l-isem:**

ilux jintuża tradizzjonalment biex jirreferi għall-prodott speċifiku.

jidentifikax il-karattru tradizzjonali jew il-karattru speċifiku tal-prodott.

Il-qoxra tal-għaġina tal-“Kalakukko” l-ewwel tissoda u ssir aktar konsistenti billi tinħema għal żmien qasir f'temperatura għolja. Il-mili tal-ħut u l-bacon ta' ġol-għaġina jissajjar kollu kemm hu u waqt il-ħami bil-mod f'forn baxx isir sukkulenti u artab.

(<sup>1</sup>) ĠU L 179, 19.6.2014, p. 17.

Peress li jżomm daqshekk fit-tul, il-“Kalakukko” kien jikkostitwixxi l-ikla ppakkjata perfetta għall-Finlandiżi li kienu jaħdmu fil-forestrija u fl-agrikoltura u l-jiem tax-xogħol tagħhom kienu jqattgħuhom “il bogħod mid-dar. L-għaġina u l-mili jingħaqdu biex jiffurmaw ikla sħiħa. It-tradizzjoni tgħid li bdiet f'Savo u f'Karelia fil-Medju Evu, u li l-isem ‘Kalakukko’ kien jintuża għal prodotti moħmija bil-qoxra tal-għaġina tas-segala mħejjija bil-mod deskritt hawn fuq.

#### 4. Deskrizzjoni

##### 4.1. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem imsemmi fil-punt 1, inkluż il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, mikrobijoloġiċi jew organolettiċi tiegħu li juru l-karattru speċifiku tal-prodott (l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament)

Il-‘Kalakukko’ huwa prodott moħmi tond, ovali jew tawwali. Għandu l-qoxra tal-għaġina tas-segala densa u pjuttost hoxxna, li l-wiċċ tagħha l-ewwel jissoda u jsir iktar konsistenti billi jinħema għal żmien qasir f'temperatura għolja. Il-qoxra tal-għaġina tissiġilla l-mili tal-ħut u l-bacon waqt il-ħami tal-bidu (f'temperatura għolja) u mbagħad il-mili jinħema bil-mod, u jsir sukkulenti u artab. Il-qoxra hoxxna żżomm il-mili milli jinxfef (u tippoteġih mill-mikroorganizzmi) waqt it-trasport, il-ħżin u l-bejgħ. Il-qoxra u l-mili jingħaqdu biex il-‘Kalakukko’ jsir ikla fih innifsu.

L-għaġina tiferrex f'forma tonda, ovali jew tawwalija, u l-mili tal-ħut jingħabar f'munzell kompatt f'nofs l-għaġina u jitgħatta bil-bacon. Dan jingħalaq billi t-truf tal-għaġina jittellgħu fuq il-mili, u dawn l-elementi kollha huma essenzjali għall-produzzjoni tradizzjonali tal-prodott.

##### 4.2. Deskrizzjoni tal-metodu ta' produzzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem imsemmi fil-punt 1 li għandhom isegwu l-produtturi, inkluż, fejn xieraq, in-natura u l-karatteristiċi tal-materja prima jew tal-ingredjenti użati, kif ukoll il-metodu li permezz tiegħu jittejjja l-prodott (l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament)

Il-preparazzjoni tinqasam f'żewġ stadji separati: il-preparazzjoni tal-għaġina u l-preparazzjoni tal-mili.

#### Preparazzjoni tal-għaġina

Ħallat id-dqiq (prinċipalment dqiq tas-segala, f'tit dqiq tal-qamħ u forsi xi dqiq tal-ħafur u/jew tax-xgħir). Żid l-ilma b'attenzjoni sabiex l-għaġina ma tibqax laxka wisq. Żid il-melħ u l-butir jew il-marġerina. Għal madwar 1 kg ta' dqiq, ikollok b'żonn madwar 80–100 g ta' butir jew marġerina għall-għaġina. Ifforma l-għaġina f'forma tonda, ovali jew tawwalija, f'wiċċ ta' bejn 15 u 50 cm u madwar 1.5 cm oħxon fin-nofs, u raqqaq f'tit lejn il-ġnub. Il-qalba tal-għaġina jista' jtiferrxilha fuqha aktar dqiq tas-segala biex il-likwidu mill-mili ma jxarrabx l-għaġina.

#### Mili

Il-mili jikkonsisti minn ħut maħsul u mnixxef (bħal dott tal-Ewropa ta' Fuq, koregun abjad, laska, perlan jew salamun). Jistgħu jkunu mmellħin jew mhux. Qiegħed il-ħut f'munzell kumpatt f'nofs l-għaġina, sħiħ jew fi fletti. Bejn is-saffi tal-ħut żid il-melħ u l-butir/il-marġerina għat-togħma. Għatti l-munzell tal-ħut bi flieli tal-bacon, u ferrex il-melħ fuq il-wiċċ għat-togħma.

L-istadju li jmiss huwa li jingħalaq il-‘Kalakukko’. Iġbed iż-żewġ naħat tal-għaġina fuq il-mili. Uża s-swaba” tiegħek, imxarrba bi f'tit ilma, biex twaħħal iż-żewġ naħat flimkien. Il-“Kalakukko” imbagħad jingħalaq kompletament billi jinġibdu t-truf l-oħra tal-għaġina. Fl-aħħar, uża sikkina u xi ilma biex tiffurma forma tonda, ovali jew tawwalija.

Il-prodott kien jinħema bil-mod bl-użu tas-sħana residwu tal-forn tal-ħobż wara l-ħami normali. Il-prodotti kienu jithallem hemm matul il-lejl. Illum il-ġurnata jinħema f'temperatura ta' 250–300 °C għal bejn 20 minuta u siegħa, u wieħed joqgħod attent li l-għaġina ma tinqasamx. Il-qoxra tista' tiżdied b'aktar biċċiet tal-għaġina, jekk ikun hemm b'żonn. Il-“Kalakukko” imbagħad jinħareġ mill-forn u t-temperatura tal-forn titnaqqas għal bejn 125 u 150 °C. Jiġi kopert bil-butir jew bil-marġerina u jista' wkoll jitgħatta f'tinfoil.

Għall-għaġina, għall-mili u għat-tidlik jistgħu jintużaw ukoll il-butir/marġerina mingħajr lattożju.

Il-mili jibda jissajjar fil-forn moderat; dan jieħu diversi sigħat, u possibbilment jieħu lejl. Wara l-ħami, il-“Kalakukko” tradizzjonalment kien jitgeżwer f'ċarruta tas-suf jew f'gazzetta, li fiha kien jitħalla jissajjar għal sagħtejn jew tlieta. Illum il-ġurnata dan isir f'forn issettjat f'temperatura ta' inqas minn 100 °C jew f'kexxun tal-forn għal minn sagħtejn sa tliet sigħat.

Il-“Kalakukko” m’għandux jinħema bil-mod ftemperatura għolja wisq, għaliex jirriżulta fverżjoni pjuttost niexfa b’qoxra iebša, li l-kwalitajiet organolettiċi tagħha ma jikkorrispondux mal-“Kalakukko” tradizzjonali.

4.3. *Deskrizzjoni tal-elementi ewlenin li jistabbilixxu l-karattru tradizzjonali tal-prodott (l-Artikolu 7(2) ta’ dan ir-Regolament)*

Il-mod kif jitħejja l-“Kalakukko” jingħad li jmur lura għal meta l-agrikoltura bdiet tissostitwixxi s-sajd u l-kaċċa. Fil-“Finnish Lakeland” in-nies riedu jagħmlu użu minn speċijiet żgħar ta’ ħut li jittiekel li kienu diffiċli biex jitħejjew b’modi oħra, bħal koregun abjad, dott tal-Ewropa ta’ Fuq, laska u perlan. L-idea kienet li l-ħut jissajjar ġo qoxra magħmula mill-għaġina tas-segala. Imbagħad, hekk kif it-trobbija tal-ħnieżer saret aktar mifruxa, indunaw li l-qatgħat tal-bacon żiedu l-valur enerġetiku u taw aktar toġħma lill-“Kalakukko”. Il-“Kalakukko” kien jikkostitwixxi l-ikla ppakkjata perfetta għall-Finlandiżi li kienu jaħdmu kuljum fil-forestrija u fl-agrikoltura ’l bogħod mid-dar. Il-preparazzjoni tinvolvi l-ħami bil-mod tal-ħut u tal-laħam għal żmien twil bil-mod tradizzjonali. It-tradizzjoni bdiet f’Savo u f’Karelia fil-Medju Evu. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, parti minn Karelia għaddiet għall-Unjoni Sovjetika, u l-popolazzjoni tar-reġjun ġiet ittrasferita lejn partijiet oħra tal-Finlandja. Il-ħiliet u t-tradizzjoni tal-produzzjoni tal-“Kalakukko” infirxu magħhom mal-Finlandja kollha. Madankollu, l-appell tradizzjonali tagħha għadu l-aktar b’saħħtu fil-provinċji ta’ Savo u ta’ Karelia.

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2021/C 222/09)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> fi żmien tliet xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

SPEĊIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT TA' SPEĊJALITÀ TRADIZZJONALI GARANTITA

**“SALATĂ TRADIȚIONALĂ CU ICRE DE CRAP”**

**Nru tal-UE: TSG-RO-02457 – 16 ta' April 2019**

**Stat Membru jew pajjiż terz: Ir-Rumanija**

**1. Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

“Salată tradițională cu icre de crap”

**2. Tip ta' prodott**

Klassi 1.7 - Ħut frisk, molluski u krustaċji u prodotti derivati minnhom

**3. Raġunijiet għar-reġistrazzjoni**

**3.1 Il-prodott:**

jirriżulta minn metodu ta' produzzjoni, ipproċessar jew kompożizzjoni li jikkorrispondi għal prattika tradizzjonali għal dak il-prodott jew oġġett tal-ikel;

huwa manifatturat minn materja prima jew minn ingredjenti li kienu jintużaw tradizzjonalment.

“Salată tradițională cu icre de crap” hija prodott magħmul minn bajd tal-karpjun immellaħ, bajd immellaħ tal-ħut tal-ilma ħelu, żejt tal-ġirasol, ilma bil-gass u meraq tal-lumi. Is-“Salată tradițională cu icre de crap” hija prodotta f'żewġ varjazzjonijiet, jiġifieri bil-basal mgħolli jew mingħajru.

Il-bajd tal-karpjun minn karpjun selvaġġ jew imrobbi jintuża fil-preparazzjoni tas-“Salată tradițională cu icre de crap”. Għandu jkun laħaq il-maturità u jkun kompletament frisk. Ma għandu jkun fih l-ebda ġilda, skwami jew emboli tad-demem. Il-konsistenza tal-bajd trid tkun omoġenja u elastika.

**3.2 L-isem f(1):**

intuża tradizzjonalment biex jirreferi għall-prodott speċifiku;

jidentifika l-karattru tradizzjonali jew il-karattru speċifiku tal-prodott.

L-isem “Salată tradițională cu icre de crap” jiċċertifika l-użu kontinwu, minn ġenerazzjoni għall-oħra, ta' ċertu materja prima u ingredjenti fil-prodott. Il-kelma “tradizzjonali” inkluża fl-isem tenfasizza l-karatteristika ewlenija tiegħu, determinata mill-materja prima użata.

Peress li l-prodott kien standardizzat mill-istandard dipartimentali N.I.D. 927-70 N 23, “Salată cu icre de crap”, il-grupp applikant kompli jsegwi l-metodu ta' produzzjoni, filwaqt li juża l-istess materja prima u ingredjenti.

**4. Deskrizzjoni**

**4.1. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem imsemmi fil-punt 1, inklużi l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, mikrobijoloġiċi jew organolettiċi tiegħu li juru l-karattru speċifiku tal-prodott**

(<sup>1</sup>) ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

### Karatteristiċi organolettiċi

Is-“Salatā tradiżjonalā cu icre de crap” hija kkaratterizzat mid-dehra, mill-konsistenza, mill-kulur, mill-aroma u mit-togħma tagħha. Hija krema omoġenja tal-bajd tal-ħut u taż-żejt b'kontenut għoli ta' ħbub tal-bajd tal-ħut perċettibbli. Għandha konsistenza kremuża, mingħajr ebda separazzjoni taż-żejt. Il-kulur tal-prodott huwa abjad lewn il-krema uniformi li fih jidhru l-ħbub tal-bajd tal-karpjun oranġjo. Jekk jiżdied il-basal, dan l-ewwel irid jitgħalla. L-użu tal-basal mgħolli jagħti togħma kemxejn ħelwa lill-prodott. Il-prodott għandu togħma u riħa prinċipalment ta' bajd tal-ħut.

### Karatteristiċi fiżikokimiċi

1. Kontenut ta' ilma (umdità)	mass. 30 %
2. Sustanzi xaħmin (xaħmijiet)	min. 63 %
3. Melħ (klorur tas-sodju)	mass. 5 %
4. Proteini	min. 4 %
5. Aċidità	mass. 1 %

Il-perċentwal minimu ta' bajd tal-ħut li għandu jintuża huwa ta' 24,5 %, li minnhom mill-inqas 12,5 % għandhom ikunu bajd tal-karpjun u mill-inqas 12 % taħlita ta' bajd tal-ħut tal-ilma ħelu.

Is-“Salatā tradiżjonalā cu icre de crap” tvarja minn prodotti simili oħra minħabba l-materja prima u l-perċentwali ta' bajd tal-ħut użat (bajd tal-karpjun u taħlita ta' bajd ta' ħut tal-ilma ħelu) u n-nuqqas ta' preżervattivi, koloranti, aċidifikaturi, aromatizzanti jew stabbilizzaturi.

#### 4.2. *Deskrizzjoni tal-metodu ta' produzzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem imsemmi fil-punt 1 li jridu jsegwu l-produtturi, inkluż, fejn xieraq, in-natura u l-karatteristiċi tal-materja prima jew tal-ingredjenti li jintużaw, kif ukoll il-metodu li permezz tiegħu jitħejja l-prodott*

##### (a) In-natura u l-karatteristiċi tal-materja prima jew l-ingredjenti

Il-bajd tal-karpjun għandu l-apparenza ta' massa densa li tikkonsisti minn ħbub uniformi u ta' daqs medju (id-daqs ta' ras ta' labra) u huwa ta' lewn aħdar fil-griż meta jkun frisk. Meta jkun matur, għandu kulur oranġjo, konsistenza omoġenja ta' viskożità medja, u riħa u togħma normali u pjaċevoli.

It-taħlita tal-bajd tal-ħut tal-ilma ħelu hija kkaratterizzata minn bajd zġħir u sħiħ minn diversi speċji mill-familji tas-Cyprinidae (karassju, *Rutilus rutilus*, *Scardinius erythrophthalmus*, bajd tal-karpjun mhux iffurmat), Percidae (żander, dott) u Bramidae (*Abramis brama*). Għandha konsistenza omoġenja u hija ta' kulur aħmar. Iż-żewġ tipi ta' bajd tal-ħut huma mmellħa bl-użu ta' melħ tal-blat fin mhux jodizzat biss, mingħajr antiagglomeranti.

L-ingredjenti użati huma ż-żejt tal-ġirasol, il-meraq tal-lumi naturali, l-ilma bil-gass u, fil-varjazzjoni tal-prodott, il-basal mgħolli. L-użu ta' koloranti, preżervattivi, emulsjonanti, stabbilizzaturi, aġenti ta' omoġenizzazzjoni u addittivi tal-ikel huwa eskluż.

Iż-żejt tal-ġirasol huwa ċar, mingħajr partċelli sospiżi jew sediment, u għandu konsistenza likwida u kulur isfar. Benna, togħma u riħa speċifiċi taż-żejt tal-ġirasol. Il-meraq tal-lumi huwa ċar, b'togħma speċifika. Ma hija permessa l-ebda impurità, u għandu konsistenza likwida u kulur isfar. Togħma qarsa u aroma tal-lumi. L-ilma bil-gass huwa ċar, bla kulur u bla riħa, mingħajr partċelli sospiżi jew sediment. Għall-prodott li fih il-basal, il-basal huwa mqatta' fin, ta' konsistenza solida u ta' kulur isfar bajdani. Benna, togħma u riħa speċifika tal-basal.

Sabiex jinkisbu 100 kg ta' prodott lest, l-ingredjenti elenkati hawn taħt jintużaw fil-kwantitajiet indikati, skont l-istandard dipartimentali intern N.I.D. 927-70 Nru 23:

- bajd tal-karpjun immellħa – min. 12,5-il kg
- taħlita tal-bajd tal-ħut tal-ilma ħelu mmellħa – min. 12-il kg
- żejt tal-ġirasol – 68-69 kg, appross. 74-75 l
- ilma bil-gass – 5,8-6,8 l
- meraq tal-lumi – 0,5-1,5 l
- jekk il-prodott fih il-basal, dan ikun mgħolli u mqatta' – 0,5 kg

(b) Metodu ta' preparazzjoni tal-prodott

L-istadji tal-preparazzjoni huma l-ħsad, is-separazzjoni, il-ġbir, it-tmelliĥ u l-maturazzjoni tal-bajd tal-ħut, l-ippakkjar tal-bajd tal-ħut immellaħ, il-preparazzjoni preliminari, it-tkessiĥ minn qabel u l-ħażna tal-bajd tal-ħut immellaħ, il-preparazzjoni tal-basal isfar mgħolli, l-introduzzjoni tal-bajd tal-ħut immellaħ fil-proċess tal-produzzjoni, il-kejl u t-taħlit tal-ingredjenti, l-ippakkjar tal-prodott, u t-tikkettar. Kemm il-bajd tal-karpjun kif ukoll it-taħlita tal-bajd tal-ħut tal-ilma ħelu jgħaddu mill-fażijiet kollha.

(b.1) Il-ħsad tal-bajd tal-ħut

Il-bajd tal-karpjun u l-bajd tal-ħut tal-ilma ħelu jinħasad bl-użu tal-metodi tradizzjonali, jiġifieri l-estrazzjoni tal-bajd wara li jinqata' u jinħaleb il-ħut.

(b.2) Is-separazzjoni u l-ġbir tal-bajd tal-ħut

Il-bajd tal-ħut jiġi separat mill-membrana tal-ovarji li jkun fiha billi din tingħafas bil-mod bl-idejn minn passatur ta' 3 mm tal-plastik jew tal-azzar inossidabbli imqiegħed fuq qafas tan-newl tal-injam jew tal-azzar inossidabbli. Il-ħbub tal-bajd tal-ħut jgħaddu mill-aperturi tal-malja u jinġabru f'reċipjenti tal-plastik / tal-azzar inossidabbli, u r-residwu li jwahaħal jibqa' fil-malja. Dawn il-passi jsiru manwalment.

(b.3) It-tmelliĥ u l-maturazzjoni tal-bajd tal-ħut

Melħ tal-blat fin mhux jodjat jiżdied mal-bajd tal-ħut miġbur, li jitħallat bir-reqqa bl-użu ta' spatula sakemm, meta tiddawwar ix-xafra, jinħass li l-prodott huwa omoġenju u l-melħ kollu nħall. Għal kull kilogramma bajd tal-ħut jiżdiedu 80 gramma melħ. Dan l-istadju jsir manwalment. Il-bajd tal-ħut ġeneralment jitmellaħ fuq perjodu ta' tlett ijiem. Jekk il-proċess tat-tmelliĥ ma jkunx tlesta matul dawk it-tlett ijiem, il-bajd tal-ħut jitħallat u jitħalla għal jum addizzjonali.

Biex il-kulur u l-għamla tal-ħbub tal-bajd tal-ħut immellaħ ikunu jistgħu jifformaw, il-bajd jitħalla jimmatūra f'temperatura ambjentali (min. +14 °C, mas. +18 °C). Il-prodott huwa kkunsidrat li mmatura kompletament għaxart ijiem wara t-tmelliĥ. It-togħma, ir-riħa u l-kulur tal-prodott jindikaw meta jkun immatura kompletament. It-togħma għandha tkun speċifika għall-bajd tal-ħut immaturat; it-togħma ta' ħut nej mhijiex aċċettata. Ir-riħa hija speċifika għall-bajd tal-ħut immaturat, mingħajr ebda riħa barranija. Il-kulur jiddependi mill-ispeċi: fil-bajd tal-karpjun dan ikun aħmar lewn il-ġebel skur, filwaqt li t-taħlita tal-bajd tal-ħut tal-ilma ħelu hija ta' kulur aħmar lewn il-ġebel ċar.

(b.4) L-ippakkjar tal-bajd tal-ħut immellaħ

Meta l-istadju tal-maturazzjoni jintemm, il-bajd tal-ħut immellaħ jiġi ppakkjat f'kontenituri jew boroż tal-plastik ta' daqsijiet varji.

(b.5) Il-preparazzjoni preliminari u t-tkessiĥ minn qabel

Dan l-istadju jinvolti żewġ passi, jiġifieri l-preparazzjoni fis-šana u t-tkessiĥ minn qabel. It-tnejn isaħħu l-membrana u jintensifikaw il-kulur tal-ħbub tal-bajd tal-ħut. Il-preparazzjoni bis-šana tinvolvi ż-żieda tat-temperatura għal 40 °C għal massimu ta' tliet sigħat. Wara dak l-istadju, il-bajd immellaħ jiġi mkessaħ minn qabel filma bis-silġ għal użu sussegwenti.

(b.6) Il-ħżin tal-bajd tal-ħut immellaħ

Il-bajd tal-ħut immellaħ jinħażen f'vażetti tal-ħġieġ jew f'boroż ippakkjati f'vakwu ta' 2 kg. Il-bajd jista' jinħażen fi kmamar imkessaħ għal perjodu ta' ħżin ta' sitt xhur. Jekk iffriżat, jista' jinżamm għal sena, sal-perjodu tal-ħsad ta' wara. Dan l-istadju jsir manwalment.

(b.7) Il-preparazzjoni tal-basal isfar mgħolli

Il-basal mgħolli jista' jintgħażel bħala ingredjent miżjud mal-prodott biex issir is-“Salată tradițională cu icre de crap și ceapă” (insalata tradizzjonali tal-bajd tal-karpjun u tal-basal). Il-basal isfar jitqaxxar manwalment bl-użu ta' sikkina u kull waħda tinqata' min-nofs. Il-pass li jmiss wara li jitqaxxar il-basal frisk huwa trattament bis-šana meta dan jiġi mgħolli, u dan isir immedjatament wara li jitqaxxar il-basal jew wara li l-kwantità meħtieġa tkun ġiet trasferita mill-friġġ. Il-basal għandu jitgħalla bi 15-il g melħ tal-blat mhux jodizat għal kull kilogramma ta' basal, u l-ħin tat-togħlija ma għandux jaqbeż l-għaxar minuti. Wara li jagħli, l-ilma jitbattal u l-basal jitħalla jksaħ u mbagħad jitqatta'. Il-basal mgħolli mqatta' jiġi ttrasferit fil-kamra li fiha tkun ippreparata l-insalata tal-bajd tal-ħut.

## (b.8) Introduzzjoni għall-proċess tal-produzzjoni

Il-bajd tal-ħut immellaħ, miżmum f'post frisk, jinġieb fil-kamra tal-preparazzjoni. Jekk ikun iffriżat, jitħalla biex tinżillu l-friża għal 48 siegħa. Il-basal mgħolli u mqatta', iż-żejt tal-ġirasol, l-ilma bil-gass u l-meraq tal-lumi naturali jinġiebu wkoll fil-kamra. Dan l-istadju jsir manwalment.

## (b.9) Kejl u taħlit tal-ingredjenti

Il-kejl tal-bajd tal-ħut u l-ingredjenti fil-bettija jsir manwalment. It-taħlit isir bl-użu ta' ħawwada fissa, li titħalla taħdem mingħajr żejt għal f'it żmien sabiex tifforma krema viskuża bi traċċi bajdana li jirriżultaw mill-ksur tal-ħbub tal-bajd. It-taħlit ikompli billi jiżdied iż-żejt gradwalment u fi kwantitajiet żgħar u billi jiżdied l-ilma bil-gass, alternat bi f'it kuċċarini ta' meraq tal-lumi biex iż-żejt ma jinfiridx. Dan ikompli sakemm jintużaw iż-żejt u l-ilma bil-gass imkejla kollha, u l-prodott li jirriżulta jintiegħem biex jiġi ddeterminat jekk għandux jiżdied aktar meraq tal-lumi naturali. Kwalunkwe basal miżjud għandu jkun mgħolli u mqatta'. L-operazzjoni tat-taħlit biss hija mekkanika, il-passi l-oħra kollha jsiru manwalment.

## (b.10) Ippakkjar tal-prodott

Il-prodott huwa ppakkjat f'kontenituri tal-plastik jew tal-ħġieġ ta' daqsijiet varji ssiġillati b'għotjien. Dawn il-passi jsiru semiawtomatikament, jiġifieri l-insalata titkejjel u s-siġillar bis-sħana (element ta' siġillar) isir bil-magna.

4.3. *Deskrizzjoni tal-elementi ewlenin li jistabbilixxu l-kompożizzjoni tal-karattru tradizzjonali tal-prodott li tikkorrispondi għall-prattika tradizzjonali għall-prodott inkwistjoni; huwa prodott minn materja prima jew ingredjenti li huma dawk użati tradizzjonalment*

L-ingredjenti tradizzjonali li ġejjin jintużaw biex jagħmlu s-“Salatā tradiċjonālā cu icre de crap”: bajd tal-karpjun, taħlita ta' bajd tal-ħut tal-ilma ħelu, żejt tal-ġirasol, ilma bil-gass, meraq tal-lumi u melħ. Skont il-prattika tradizzjonali, tintuża taħlita ta' bajd tal-ħut tal-ilma ħelu mmellaħ u mmaturat biex tgħaqqad. L-ilma bil-gass jintuża biex jiġi żgurat li s-“Salatā tradiċjonālā cu icre de crap” ma jkollhiex konsistenza viskuża.

Il-materja prima ewlenija użata hija l-bajd tal-karpjun immellaħ, li jagħti wkoll l-isem lill-prodott, “Salatā tradiċjonālā cu icre de crap”. Skont ir-riċerka dokumentarja mwettqa, il-bajd tal-karpjun immellaħ kien imsemmi sa mill-1916 fil-pubblikazzjoni *Pescăria și pescuitul în România* [“Is-Sajd fir-Rumanija”] ta' Grigore Antipa, paġna 706, Taqsima “c) Bajd tal-ħut mil-lizz, karpjun u diversi ħut tal-għadajjar”: “il-bajd tal-karpjun u l-lizz jitneħħa b'attenzjoni, meta l-ħut jitqatta' għat-tmelliħ, u jitwarrab f'kontenitur sabiex il-ġilda tkun tista' titneħħa. Il-ġilda titneħħa bl-użu ta' għodda sempliċi msejja fir-reġjun tad-Delta 'priboi' jew 'praboi' (f'Turtucaia tisesejjah 'romblu' biex tħabbat il-bajd tal-karpjun). Din tikkonsisti f'virga twila 80 sa 90 cm b'żewġ slaleb żgħar fin-naħa ta' fuq (Ill. 377), li tintuża biex il-bajd tal-ħut jitħabbat sewwa - bl-istess mod li l-krema tithabbat biex isir il-butir - u l-ġilda tinqabad fis-slaleb, u jibqgħu biss il-ħbub tal-bajd fil-kontenitur. Wara dan, il-bajd tal-ħut jitmellaħ, jitqiegħed f'kontenituri speċjali u jitqiegħed fis-suq”. (Antipa, 1916)

It-tieni l-iktar materja prima importanti tal-prodott hija “taħlita ta' bajd tal-ħut tal-ilma ħelu”, li hija msemmija wkoll f'*Pescăria și pescuitul în România* (1916) ta' Grigore Antipa, paġna 706, Taqsima “c) Bajd tal-ħut mil-lizz, karpjun u diversi ħut tal-għadajjar” taħt l-isem “Tarama”: “il-bajd ta' speċijiet oħrajn ta' *Cyprinidae* - ħliet għall-bajd tal-barbel, li ħafna drabi huwa ta' ħsara - huwa kollu mħallat flimkien u, wara li jitħabbat bil-priboi, huwa jitmellaħ, jitqiegħed f'kontenitur u jinbiegħ bħala bajd ta' kwalità aktar baxxa taħt l-isem kummerċjali “Tarama”. (Antipa, 1916) Mill-2010 dan l-ingredjent sar u ntuża mill-produtturi tal-assoċjazzjoni taħt l-isem attwali ta' “taħlita ta' bajd tal-ħut tal-ilma ħelu” sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni bejn dan it-tip ta' taħlita ta' bajd tal-ħut tal-ilma ħelu u t-taħlita Griega tal-bajd tal-ħut tal-baħar Grieg bl-istess isem. Ir-rwol tat-taħlita tal-bajd tal-ħut tal-ilma ħelu huwa li din tagħti konsistenza lill-prodott u tamplifika t-togħma tal-bajd tal-karpjun immellaħ peress li dan jikkonsisti prinċipalment minn bajd tal-ħut immellaħ u mmaturat minn speċi tal-familja *Cyprinidae*.

L-erba' elementi l-oħrajn użati fil-prodott tradizzjonali huma ingredjenti li jistgħu jinstabu fl-evidenza dokumentarja li ġejja li tidderkrivi r-riċetta għas-“Salatā tradiċjonālā cu icre de crap” u l-metodu ta' preparazzjoni tagħha. Għalhekk, fl-1937, is-“Salatā tradiċjonālā cu icre de crap” gienet meqjusa bħala hors d'oeuvre (Thevenin, 1937) u prodott rappreżentattiv tal-kċina Rumena, li saħansitra gienet inkluża fil-ktieb ta' promozzjoni turistika *Les bons plats roumains* ta' Léon Thévenin kif ukoll fl-edizzjoni Ingliża ta' wara bl-isem *Savoury Romanian Dishes and Choice Wines* (1939).



Is-“Salatã tradiþionalã cu icre de crap” ġiet deskritta kif ġej fl-edizzjoni Franċiża tal-ktieb ta’ hawn fuq: “KAVJAR TAL-KARPJUN. Il-kavjar tal-karpjun għandu bajd iżgħar. [...] Huwa jitraxxax bil-melħ u jitħalla jimmatura għal 24 siegħa qabel ma jingħorok bil-mod f’reċipjent bil-miħhun, filwaqt li jiżdiedu miegħu ż-żejt u l-lumi ftit ftit, bħalma jsir għall-mayonnaise. Il-kulur isir gradwalment aħmar lewn il-gambli. Jiġi servut imħawwar b’biċċiet tal-basal imqatta’.” (Thevenin, 1937)

Il-ktieb tar-riċetti ta’ Lucretia Oprean, *Minuturi alimentare și alte rețete culinare* [“Apetajzers u Riċetti Oħra”], li fih deskrizzjoni tal-preparazzjoni tal-insalata tal-bajd tal-karpjun (paġna 137), ġie ppubblikat fl-1970. Skont l-awtur, il-bajd tal-karpjun, iż-żejt veġetali, il-melħ, il-meraġ tal-lumi naturali u l-basal kienu jintużaw biex jagħmlu l-prodott, u l-basla kienet żieda fakultattiva, skont il-preferenza: “Salata cu icre de crap sau stiuca’ (insalata tal-bajd tal-karpjun jew tal-lizz) (15-20 minuta). 100 g ta’ bajd tal-karpjun jew tal-lizz, 200 g ta’ żejt veġetali, melħ, meraġ tal-lumi, mgħarfa basal imqatta’ b’mod fin.” (Oprean, 1970)

Fl-1970 il-Ministeru tal-Industrija tal-Ikel standardizza l-prodott imsejjaħ “Salatã tradiþionalã cu icre de crap” billi adotta l-istandard dipartimentali intern N.I.D. 927-70 N.23, li jirregola l-materja prima u l-ingredjenti li għandhom jintużaw biex isir il-kavjar: “Dan l-istandard intern jirreferi għall-prodott (kavjar) imsejjaħ ‘Salatã de icre’ magħmul bl-użu tal-bajd tal-karpjun immellaħ, tarama [...] imħallat ma’ żejt tal-ġirasol li jittiekel. Il-prodott ‘Salatã de icre’ huwa magħmul bl-użu ta’ bajd tal-ħut immellaħ, żejt tal-ikel raffinat, aċidu ċitriku u ġelatina tal-ikel.”

*Rețetar-tip pentru preparate culinare* [“Ktieb tar-riċetti standard għal preparazzjonijiet kulinari”] ġie ppubblikat fl-1982. Kien maħsub għall-organizzazzjoni ta’ catering pubbliku u kien fih 1 245 riċetta, inkluża dik għall-prodott tradizzjonali msejjaħ “Salatã cu icre de crap” (insalata tal-bajd tal-karpjun). Id-dokument ġie adottat u editjat mill-Ministeru tal-Kummerċ Intern (Direttorat tal-Catering Pubbliku) u l-istabbilimenti tal-catering pubbliku kienu kollha meħtieġa jużawh. Għar-riċetta Nru 99, insalata tal-bajd tal-karpjun, kellhom jintużaw l-ingredjenti li ġejjin: “[...] bajd tal-ħut, żejt raffinat tal-ġirasol, ilma bil-gass, lumi jew melħ tal-lumi”. Ir-riċetti inklużi fil-ktieb tar-riċetti nġabru mill-wirt kulinari Rumenu, u fil-preambolu tal-pubblikazzjoni ġie ddikjarat li “[...] ... dan ix-xogħol huwa ispirat mill-kċina tradizzjonali ta’ pajjiżna u juża l-metodi tat-teknoloġija kulinari moderna”. (Ministerul Comertului Interior, 1982)

Fl-1988, fil-ktieb *Semipreparatele în bucătăria modernă* [“Preparazzjonijiet imsajra minn qabel fil-kċina moderna”] ta’ Stere u Ecaterina Stavrositu, l-insalata tal-bajd tal-karpjun hija deskritta bħala li hija magħmula mill-bajd tal-karpjun, ilma bil-gass, lumi u melħ. (Stavrositu & Stavrositu, 1988)

Dawn ir-referenzi dokumentarji kollha li jkopru bosta għexieren ta’ snin jattestaw in-natura tradizzjonali tal-materja prima użata fil-preparazzjoni tas-“Salata tradiþionalã cu icre de crap”.

---



ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)